Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2021/0410(COD)

19.9.2022

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija ("Prüm II"), li jemenda d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI u r-Regolamenti (UE) 2018/1726, 2019/817 u 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2021)0784 – C9-0455/2021 – 2021/0410(COD))
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Paulo Rangel

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija ("Prüm II"), li jemenda d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI u r-Regolamenti (UE) 2018/1726, 2019/817 u 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2021)0784 – C9-0455/2021 – 2021/0410(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0784),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 16(2) u 87(2), il-punt (a), u l-Artikolu 88(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0455/2021),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[28],	Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[28],
_____	_____

[28] ĠU C , , p. .

[28] ĠU C ***323***, ***26.8.2022***, p. ***69***.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[29],	***imħassar***

[29] ĠU C , , p. .

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Għalhekk, l-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jtejjeb, jissimplifika u jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni ***kriminali*** bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, iżda wkoll mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi stabbilita bir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] (Europol) bħala ċ-ċentru ta' informazzjoni kriminali tal-Unjoni.	(3) Għalhekk, l-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jtejjeb, jissimplifika u jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni ***mhux biss*** bejn l-awtoritajiet ***kompetenti*** tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri ***għall-fini tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali***, iżda wkoll mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi stabbilita bir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] (Europol) bħala ċ-ċentru ta' informazzjoni kriminali tal-Unjoni. ***Barra minn hekk, l-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jippermetti lil dawk l-awtoritajiet kompetenti jfittxu persuni neqsin u jidentifikaw fdalijiet umani mhux identifikati.***

30 Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

30 Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/***JHA***[31] u 2008/616/***JHA***[32] li jistabbilixxu regoli għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali billi jipprevedu t-trasferiment awtomatizzat ta' profili tad-DNA, data dattiloskopika u ċerta data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, urew li huma importanti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transfruntiera.	(4) Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/***ĠAI***[31] u 2008/616/***ĠAI***[32] li jistabbilixxu regoli għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali billi jipprevedu t-trasferiment awtomatizzat ta' profili tad-DNA, data dattiloskopika u ċerta data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, urew li huma importanti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transfruntiera***, u b'hekk jipproteġu s-sigurtà interna tal-Unjoni u s-sikurezza taċ-ċittadini tagħha***.

[31] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1).

[32] Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod

[31] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1).

[32] Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod

partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12).

partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12).

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri ***għat-trasferiment awtomatizzat*** ta' ***profili tad-DNA,*** data ***dattiloskopika***, data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi***, immaġnijiet tal-wiċċ*** u rekords tal-pulizija. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-ipproċessar ta' kwalunkwe waħda minn dawn id-data fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) jew l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari relatata magħhom permezz tal-uffiċċji SIRENE jew għad-drittijiet ta' individwi li d-data tagħhom tiġi pproċessata hemmhekk.	(5) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri ***għat-tfittxija u l-iskambju awtomatizzati*** ta' ***data bijometrika li tinsab f'bażijiet ta'*** data ***stabbiliti għall-prevenzjoni***, ***l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali u ta'*** data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi u rekords tal-pulizija. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-ipproċessar ta' kwalunkwe waħda minn dawn id-data fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) jew l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari relatata magħhom permezz tal-uffiċċji SIRENE ***skont ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[1a] jew għad-drittijiet ta' individwi li d-data tagħhom tiġi pproċessata hemmhekk.
	1a Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312,

7.12.2018, p. 56).

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Jenħtieġ li ***l-ipproċessar*** ta' data personali u l-iskambju ta' data personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ma jirriżultawx f'diskriminazzjoni kontra persuni għal kwalunkwe raġuni. Dan jenħtieġ li jirrispetta bis-sħiħ id-dinjità u l-integrità tal-bniedem u drittijiet fundamentali oħrajn, inkluż id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata ta' dak li jkun u għall-protezzjoni tad-data personali, f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.	(6) Jenħtieġ li ***kwalunkwe pproċessar*** ta' data personali ***u l-iskambju ta' data personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jitwettqu f'konformità mal-Kapitolu 6 ta' dan ir-Regolament u, kif applikabbli, id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1b] u r-Regolament (UE) 2016/794. Jenħtieġ li l-ipproċessar*** u l-iskambju ta' data personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ma jirriżultawx f'diskriminazzjoni kontra persuni għal kwalunkwe raġuni. Dan jenħtieġ li jirrispetta bis-sħiħ id-dinjità u l-integrità tal-bniedem u drittijiet fundamentali oħrajn, inkluż id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata ta' dak li jkun u għall-protezzjoni tad-data personali, f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
	1a Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-identifikazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

1b Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Peress li jipprevedi t-tfittxija ***jew it-tqabbil awtomatizzat*** ta' profili tad-DNA, ta' data dattiloskopika, ta' data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, ta' immaġnijiet tal-wiċċ u ta' rekords tal-pulizija, l-għan ta' dan ir-Regolament huwa wkoll li jippermetti t-tfittxija ta' persuni neqsin u ta' fdalijiet umani mhux identifikati. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-dħul ta' allerti tas-SIS dwar persuni neqsin u għall-iskambju ta' informazzjoni supplimentari dwar tali allerti skont ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.***33***	(7) Peress li jipprevedi t-tfittxija ***awtomatizzata*** ta' profili tad-DNA, ta' data dattiloskopika, ta' ***ċerta*** data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, ta' immaġnijiet tal-wiċċ u ta' rekords tal-pulizija, l-għan ta' dan ir-Regolament huwa wkoll li jippermetti t-tfittxija ta' persuni neqsin u ***l-identifikazzjoni*** ta' fdalijiet umani mhux identifikati. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-dħul ta' allerti tas-SIS dwar persuni neqsin u għall-iskambju ta' informazzjoni supplimentari dwar tali allerti skont ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

33 Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE)

Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Id-Direttiva (UE) …/… [dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri] tipprovdi qafas legali koerenti tal-Unjoni sabiex tiżgura li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkollhom aċċess ekwivalenti għall-informazzjoni miżmuma minn Stati Membri oħrajn meta jkollhom bżonnha sabiex jiġġieldu l-kriminalità u t-terroriżmu. Sabiex ittejjeb l-iskambju tal-informazzjoni, dik id-Direttiva tifformalizza u tiċċara l-proċeduri għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn ***l-Istati*** Membri, b'mod partikolari għal finijiet ta' investigazzjoni, inkluż ir-rwol tal-"Punt Uniku ta' Kuntatt" għal tali skambji, u tagħmel użu sħiħ mill-mezz ta' skambju ta' informazzjoni tal-Europol SIENA. Kwalunkwe skambju ta' informazzjoni lil hinn minn dak li huwa previst f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi regolat mid-Direttiva (UE) …/… [dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri].	(8) Id-Direttiva (UE) …/… [dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri] tipprovdi qafas legali koerenti tal-Unjoni sabiex tiżgura li l-awtoritajiet ***kompetenti*** tal-infurzar tal-liġi jkollhom aċċess ekwivalenti għall-informazzjoni miżmuma minn Stati Membri oħrajn meta jkollhom bżonnha sabiex jiġġieldu l-kriminalità u t-terroriżmu. Sabiex ittejjeb l-iskambju tal-informazzjoni, dik id-Direttiva tifformalizza u tiċċara ***r-regoli u*** l-proċeduri għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn ***l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati*** Membri, b'mod partikolari għal finijiet ta' investigazzjoni, inkluż ir-rwol tal-"Punt Uniku ta' Kuntatt" għal tali skambji, u tagħmel użu sħiħ mill-mezz ta' skambju ta' informazzjoni tal-Europol SIENA. Kwalunkwe skambju ta' informazzjoni ***bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi*** lil hinn minn dak li huwa previst f'dan ir-Regolament***, jiġifieri t-tfittxija awtomatizzata ta' data bijometrika, ta' ċerta data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi u ta' rekords tal-pulizija u l-iskambju ta' data ewlenija wara konkordanza kkonfermata,*** jenħtieġ li jiġi regolat mid-Direttiva (UE) …/… [dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati

Membri].

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Għat-tfittxija awtomatizzata tad-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, l-Istati Membri jenħtieġ li jużaw is-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (Eucaris) stabbilita mit-Trattat dwar Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (EUCARIS) maħsuba għal dan il-għan***. Jenħtieġ*** li ***l-Eucaris*** jgħaqqad l-Istati Membri parteċipanti kollha f'network. Ma hemm l-ebda komponent ċentrali meħtieġ sabiex il-komunikazzjoni tiġi stabbilita peress li kull Stat Membru jikkomunika direttament mal-Istati Membri l-oħrajn konnessi.	(9) Għat-tfittxija awtomatizzata tad-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, l-Istati Membri ***u l-Europol*** jenħtieġ li jużaw is-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (Eucaris) stabbilita mit-Trattat dwar Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (EUCARIS) maħsuba għal dan il-għan**,** li jgħaqqad l-Istati Membri parteċipanti kollha f'network. Ma hemm l-ebda komponent ċentrali meħtieġ sabiex il-komunikazzjoni tiġi stabbilita peress li kull Stat Membru jikkomunika direttament mal-Istati Membri l-oħrajn ***konnessi, u l-Europol tikkomunika direttament mal-Istati Membri*** konnessi.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-identifikazzjoni ta' kriminal hija essenzjali għal investigazzjoni u prosekuzzjoni kriminali ta' suċċess. It-tfittxija awtomatizzata ta' immaġnijiet tal-wiċċ ta' persuni suspettati u ***kriminali kkundannati*** jenħtieġ li ***jipprevedi*** informazzjoni addizzjonali għall-identifikazzjoni b'suċċess ta' kriminali u	(10) L-identifikazzjoni ta' kriminal hija essenzjali għal investigazzjoni u prosekuzzjoni kriminali ta' suċċess. It-tfittxija awtomatizzata ta' immaġnijiet tal-wiċċ ta' persuni suspettati u ***kkundannati miġbura f'konformità mal-liġi nazzjonali f'bażijiet ta' data nazzjonali stabbiliti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-***

għall-ġlieda kontra l-kriminalità.

investigazzjoni ta' reati kriminali jenħtieġ li ***tipprevedi*** informazzjoni addizzjonali għall-identifikazzjoni b'suċċess ta' kriminali u għall-ġlieda kontra l-kriminalità.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) It-tfittxija jew it-tqabbil awtomatizzat ta' data bijometrika (profili tad-DNA, data dattiloskopika u immaġnijiet tal-wiċċ) bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkonċernaw biss data li tinsab f'bażijiet ta' data stabbiliti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Il-parteċipazzjoni fl-iskambju ta' rekords tal-pulizija jenħtieġ li tibqa' volontarja. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jipparteċipaw, ***fl-ispirtu tar-reċiproċità***, jenħtieġ li ***ma jkunx possibbli għalihom*** li ***jfittxu*** bażijiet ta' data ***ta' Stati*** Membri ***oħrajn jekk ma jagħmlux id-data tagħhom disponibbli għat-tfittxijiet minn*** Stati Membri ***oħrajn***.	(12) Il-parteċipazzjoni ***fit-tfittxija u*** fl-iskambju ***awtomatizzati*** ta' rekords tal-pulizija jenħtieġ li tibqa' volontarja. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jipparteċipaw, ***jenħtieġ li huma jiżguraw id-disponibbiltà ta' indiċijiet tar-rekords tal-pulizija nazzjonali li jkun fihom settijiet ta' data bijografika ta' persuni suspettati u kkundannati minn bażijiet ta' data***

nazzjonali stabbiliti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali. Minħabba s-sensittività tad-data kkonċernata, jenħtieġ li jkun possibbli biss li jitwettqu tfittxijiet awtomatizzati għal persuni suspettati jew ikkundannati li jkunu wettqu reati, u li jiġu skambjati rekords tal-pulizija relatati ma' dawn il-persuni kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/794 jew l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI[1a]. Meta jinħolqu indiċijiet tar-rekords tal-pulizija nazzjonali, huwa importanti li ***l-Istati Membri jużaw data minn*** bażijiet ta' data ***nazzjonali stabbiliti għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati*** Membri ***se jivverifikaw dik id-data fl-indiċijiet tar-rekords tal-pulizija nazzjonali mal-wasla ta' talbiet għal informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi ta'*** Stati Membri ***oħra***.

1a Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1).

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li d-data inkluża fl-indiċi tar-rekords tal-pulizija nazzjonali tagħhom tkun preċiża, kompluta u aġġornata u jenħtieġ li jimplimentaw salvagwardji, b'mod partikolari l-psewdonimizzazzjoni,

biex jipproteġu d-data personali mfittxija. Fl-ispirtu tar-reċiproċità, jenħtieġ li Stat Membru ma jkunx jista' jikkonsulta l-bażijiet ta' data ta' Stati Membri oħra jekk ma jagħmilx l-indiċijiet tar-rekords tal-pulizija nazzjonali tiegħu stess disponibbli għal tfittxijiet minn Stati Membri oħra.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) F'dawn l-aħħar snin, il-Europol irċeviet ammont kbir ta' data bijometrika ta' terroristi u kriminali suspettati u kkundannati minn ***diversi*** pajjiżi terzi. L-inklużjoni tad-data miksuba minn pajjiżi terzi maħżuna fil-Europol fil-qafas ta' Prüm u b'hekk id-disponibbiltà ta' din id-data għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi hija meħtieġa għal prevenzjoni u investigazzjoni mtejba ta' reati kriminali. Din tikkontribwixxi wkoll għall-bini ta' sinerġiji bejn għodod differenti tal-infurzar tal-liġi.	(13) F'dawn l-aħħar snin, il-Europol irċeviet ammont kbir ta' data bijometrika ta' terroristi u kriminali suspettati u kkundannati minn ***awtoritajiet ta'*** pajjiżi terzi***, b'mod partikolari informazzjoni mill-kamp tal-battalja minn żoni ta' gwerra. Spiss ma kienx possibbli li jsir użu shih minn tali data minħabba li mhux dejjem tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri***. L-inklużjoni tad-data miksuba minn pajjiżi terzi maħżuna fil-Europol fil-qafas ta' Prüm u b'hekk id-disponibbiltà ta' din id-data għall-awtoritajiet ***kompetenti*** tal-infurzar tal-liġi hija meħtieġa għal prevenzjoni u investigazzjoni mtejba ta' reati kriminali. Din tikkontribwixxi wkoll għall-bini ta' sinerġiji bejn għodod differenti tal-infurzar tal-liġi ***u tiżgura li d-data tintuża bl-aktar mod effiċjenti***.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tfittex il-bażijiet ta' data tal-Istati Membri skont il-qafas ta' Prüm b'data li tasal minn pajjiżi terzi sabiex tistabbilixxi rabtiet transfruntiera bejn każijiet kriminali. L-użu tad-data ta' Prüm, flimkien ma' bażijiet ta' data oħra disponibbli għall-Europol, jenħtieġ li tippermetti ***l-istabbiliment ta'*** analiżi aktar kompluta u informata ***dwar l-investigazzjonijiet kriminali*** u ***jenħtieġ li*** tippermetti lill-Europol tipprovdi appoġġ aħjar lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri. F'każ ta' konkordanza bejn id-data użata għat-tfittxija u d-data miżmuma fil-bażijiet ta' data tal-Istati Membri, l-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu lill-Europol bl-informazzjoni meħtieġa sabiex hija twettaq il-kompiti tagħha.	(14) Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tfittex il-bażijiet ta' data tal-Istati Membri skont il-qafas ta' Prüm b'data li tasal minn ***awtoritajiet ta'*** pajjiżi terzi***, b'rispett sħiħ tar-regoli u l-kundizzjonijiet previsti fir-Regolament (UE) 2016/794,*** sabiex tistabbilixxi rabtiet transfruntiera bejn każijiet kriminali. L-użu tad-data ta' Prüm, flimkien ma' bażijiet ta' data oħra disponibbli għall-Europol, jenħtieġ li tippermetti ***li titwettaq*** analiżi aktar kompluta u informata***,*** u ***b'hekk*** tippermetti lill-Europol tipprovdi appoġġ aħjar lill-awtoritajiet ***kompetenti*** tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri ***meta dawn iwettqu investigazzjonijiet kriminali***. F'każ ta' konkordanza bejn id-data użata għat-tfittxija u d-data miżmuma fil-bażijiet ta' data tal-Istati Membri, ***jenħtieġ li*** l-Istati Membri ***jitħallew*** jipprovdu lill-Europol bl-informazzjoni meħtieġa sabiex hija twettaq il-kompiti tagħha.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Id-Deċiżjonijiet 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI jipprevedu network ta' konnessjonijiet bilaterali bejn il-bażijiet ta' data nazzjonali tal-Istati Membri. Bħala konsegwenza ta' din l-arkitettura teknika, kull Stat Membru ***jenħtieġ li*** jistabbilixxi mill-anqas 26 konnessjoni, li jfisser konnessjoni ma' kull Stat Membru, għal kull kategorija ta' data. Ir-router u s-Sistema ta' Indiċi Ewropea tar-Rekords tal-Pulizija (EPRIS) stabbilita minn dan ir-Regolament ***jenħtieġ li*** jissimplifikaw l-	(15) Id-Deċiżjonijiet 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI jipprevedu network ta' konnessjonijiet bilaterali bejn il-bażijiet ta' data nazzjonali tal-Istati Membri. Bħala konsegwenza ta' din l-arkitettura teknika, kull Stat Membru ***kellu*** jistabbilixxi mill-anqas 26 konnessjoni, li jfisser konnessjoni ma' kull Stat Membru ***parteċipanti fl-iskambju awtomatizzat***, għal kull kategorija ta' data. Ir-router u s-Sistema ta' Indiċi Ewropea tar-Rekords tal-Pulizija (EPRIS) stabbilita minn dan ir-Regolament

arkitettura teknika tal-qafas ta' Prüm u jservu bħala punti ta' konnessjoni bejn l-Istati Membri kollha. Ir-router jenħtieġ li jirrikjedi konnessjoni waħda għal kull Stat Membru fir-rigward tad-data bijometrika u jenħtieġ li l-EPRIS jirrikjedi konnessjoni waħda għal kull Stat Membru fir-rigward tar-rekords tal-pulizija.	***se*** jissimplifikaw l-arkitettura teknika tal-qafas ta' Prüm u jservu bħala punti ta' konnessjoni bejn l-Istati Membri kollha. Ir-router jenħtieġ li jirrikjedi konnessjoni waħda għal kull Stat Membru fir-rigward tad-data bijometrika u jenħtieġ li l-EPRIS jirrikjedi konnessjoni waħda għal kull Stat Membru ***parteċipanti u l-Europol*** fir-rigward tar-rekords tal-pulizija.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Ir-router jenħtieġ li jkun konness mal-Portal Ewropew tat-Tfittxija stabbilit bl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34] u l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35] sabiex jippermetti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-Europol jagħmlu tfittxijiet fil-bażijiet ta' data nazzjonali skont dan ir-Regolament fl-istess ħin ma' tfittxijiet fir-Repożitorju Komuni ta' informazzjoni dwar l-Identità stabbilit mill-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/818 għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi.	(16) Ir-router jenħtieġ li jkun konness mal-Portal Ewropew tat-Tfittxija stabbilit bl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34] u l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35] sabiex jippermetti lill-awtoritajiet ***kompetenti tal-infurzar tal-liġi*** tal-Istati Membri u lill-Europol jagħmlu tfittxijiet fil-bażijiet ta' data nazzjonali skont dan ir-Regolament fl-istess ħin ma' tfittxijiet fir-Repożitorju Komuni ta' informazzjoni dwar l-Identità stabbilit mill-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/818 għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi. ***Għalhekk jenħtieġ li dawk iż-żewġ Regolamenti jiġu emendati skont dan. Barra minn hekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/818 jiġi emendat bil-ħsieb li jippermetti l-ħżin ta' rapporti u statistika tar-router fir-Repożitorju Komuni għar-Rapportar u l-Istatistika.***
[34] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-	[34] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-

interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

[35] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

[35] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) F'każ ta' konkordanza bejn id-data użata għat-tfittxija ***jew għat-tqabbil*** u d-data miżmuma fil-bażi ta' data nazzjonali tal-Istat(i) Membru/i rikjest(i), u mal-konferma ta' din il-konkordanza mill-Istat Membru rikjedenti, l-Istat Membru rikjest jenħtieġ li jirritorna sett limitat ta' data ewlenija permezz tar-router fi żmien 24 siegħa. L-iskadenza tiżgura skambju rapidu ta' komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri. L-Istati Membri jenħtieġ li jżommu kontroll fuq ir-rilaxx ta' dan is-sett limitat ta' data ewlenija. Ċertu grad ta' intervent mill-bniedem jenħtieġ li jinżamm f'punti ewlenin fil-proċess, ***inkluż*** għad-deċiżjoni	(17) F'każ ta' konkordanza bejn id-data użata għat-tfittxija u d-data miżmuma fil-bażi ta' data nazzjonali tal-Istat(i) Membru/i rikjest(i), u mal-konferma ta' din il-konkordanza mill-Istat Membru rikjedenti, l-Istat Membru rikjest jenħtieġ li jirritorna sett limitat ta' data ewlenija***, sa fejn din tkun disponibbli,*** permezz tar-router fi żmien 24 siegħa. ***Meta l-Istat Membru rikjest jeħtieġ li jikseb awtorizzazzjoni ġudizzjarja qabel it-trażmissjoni tad-data ewlenija, l-iskadenza ta' 24 siegħa jenħtieġ li ma tapplikax u, minflok, l-Istat Membru jenħtieġ li jiżgura li d-data ewlenija tiġi rritornata fi żmien 72 siegħa. L-iskadenza***

li tiġi rrilaxxata data personali lill-Istat Membru rikjedenti sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda skambju awtomatizzat ta' data ewlenija.	***se*** tiżgura skambju rapidu ta' komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet ***kompetenti tal-infurzar tal-liġi*** tal-Istati Membri. L-Istati Membri jenħtieġ li jżommu kontroll fuq ir-rilaxx ta' dan is-sett limitat ta' data ewlenija. Ċertu grad ta' intervent mill-bniedem jenħtieġ li jinżamm f'punti ewlenin fil-proċess ***u***, ***tal-inqas, fit-tnedija tat-talba, biex tiġi kkonfermata l-konkordanza, biex titnieda talba għall-wasla ta' data ewlenija wara l-konferma tal-konkordanza, u*** għad-deċiżjoni li tiġi rrilaxxata data personali lill-Istat Membru rikjedenti sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda skambju awtomatizzat ta' data ewlenija.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Kwalunkwe skambju bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri jew mal-Europol fi kwalunkwe stadju ta' wieħed mill-proċessi deskritti skont dan ir-Regolament, li ma huwiex deskritt b'mod espliċitu f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jsir permezz ta' SIENA sabiex jiġi żgurat li jintuża mezz ta' komunikazzjoni komuni, sigur u affidabbli mill-Istati Membri kollha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) ***Jenħtieġ*** li jintuża l-istandard tal-format universali tal-messaġġi (UMF) fl-iżvilupp tar-router u tal-EPRIS**.** Kwalunkwe skambju awtomatizzat ta' data f'konformità ma' dan ir-Regolament ***jenħtieġ li juża l-istandard tal-UMF. L-awtoritajiet*** tal-Istati Membri u l-Europol huma mħeġġa jużaw l-istandard tal-UMF anke fir-rigward ta' kwalunkwe skambju ulterjuri ta' data bejniethom fil-kuntest tal-qafas Prüm II. Jenħtieġ li l-istandard tal-UMF iservi bħala standard għall-iskambju strutturat u transfruntier ta' informazzjoni bejn is-sistemi ta' informazzjoni, l-awtoritajiet jew l-organizzazzjonijiet fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.	(19) ***Sa fejn ikun applikabbli, jenħtieġ*** li jintuża l-istandard tal-format universali tal-messaġġi (UMF) fl-iżvilupp tar-router u tal-EPRIS ***u għal*** kwalunkwe skambju awtomatizzat ta' data f'konformità ma' dan ir-Regolament***. L-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi*** tal-Istati Membri u l-Europol huma mħeġġa jużaw l-istandard tal-UMF anke fir-rigward ta' kwalunkwe skambju ulterjuri ta' data bejniethom fil-kuntest tal-qafas Prüm II. Jenħtieġ li l-istandard tal-UMF iservi bħala standard għall-iskambju strutturat u transfruntier ta' informazzjoni bejn is-sistemi ta' informazzjoni, l-awtoritajiet jew l-organizzazzjonijiet fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Ċerti aspetti tal-qafas Prüm II ma jistgħux jiġu koperti b'mod eżawrjenti minn dan ir-Regolament minħabba n-natura teknika u dettaljata ħafna tagħhom u minħabba li jinbidlu frekwentement. Dawk l-aspetti jinkludu, pereżempju, arranġamenti tekniċi ***u speċifikazzjonijiet*** għal proċeduri ta' tfittxija awtomatizzati, l-istandards għall-iskambju tad-data u l-elementi tad-data li għandhom jiġu skambjati. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE)	(21) Ċerti aspetti tal-qafas Prüm II ma jistgħux jiġu koperti b'mod eżawrjenti minn dan ir-Regolament minħabba n-natura teknika u dettaljata ħafna tagħhom u minħabba li jinbidlu frekwentement. Dawk l-aspetti jinkludu, pereżempju, arranġamenti tekniċi għal proċeduri ta' tfittxija awtomatizzati, l-istandards***, inklużi l-istandards minimi ta' kwalità,*** għall-iskambju tad-data u l-elementi tad-data li għandhom jiġu skambjati. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE)

Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[36]

[36] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[36]

[36] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Peress li r-router jenħtieġ li jiġi żviluppat u ġestit mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37] (eu-LISA), ***għalhekk*** huwa meħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1726 jiġi emendat ***billi*** jiżdied dak mal-kompiti tal-eu-LISA. ***Sabiex ir-router ikun jista' jiġi konness mal-Portal Ewropew tat-Tfittxija sabiex jitwettqu tfittxijiet simultanji tar-router u tar-Repożitorju Komuni ta' informazzjoni dwar l-Identità, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2019/817. Sabiex ir-router ikun jista' jiġi konness mal-Portal Ewropew tat-Tfittxija sabiex iwettaq tfittxijiet simultanji tar-router u tar-Repożitorju Komuni ta' informazzjoni dwar l-Identità u sabiex jinħażnu rapporti u statistika tar-router fuq ir-Repożitorju Komuni għar-Rapportar u l-Istatistika, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament***	(23) Peress li r-router jenħtieġ li jiġi żviluppat u ġestit mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37] (eu-LISA), huwa meħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1726 jiġi emendat ***bil-ħsieb li*** jiżdied dak ***il-kompitu*** mal-kompiti tal-eu-LISA.

(UE) 2019/818. Għalhekk dawk ir-Regolamenti jenħtieġ jiġu emendati skont dan.

---

[37] Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) 1077/2011, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99.

---

[37] Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) 1077/2011, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tiżdied il-kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija u li l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri jkunu jistgħu jfittxu persuni neqsin u jidentifikaw fdalijiet umani mhux identifikati, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] u ta opinjoni ***fi [XX][39]***.	(26) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] u ta opinjoni ***fit-2 ta' Marzu 2022[39]***.
[38] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).	[38] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).
[39] ***[ĠU*** C ***…]***.	[39] ***ĠU*** C ***225, 9.6.2022, p. 6***

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ***responsabbli għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali*** (Prüm II).	Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ***kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri*** (Prüm II).

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għat-tfittxija awtomatizzata ta' ***profili tad-DNA,*** data ***dattiloskopika, immaġnijiet tal-wiċċ***, rekords tal-pulizija u ***ċertu*** data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi u r-regoli dwar l-iskambju ta' data ewlenija wara konkordanza.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għat-tfittxija awtomatizzata ta' data ***bijometrika***, rekords tal-pulizija u ***ċerta*** data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi u r-regoli dwar l-iskambju ta' data ewlenija wara konkordanza ***kkonfermata fuq id-data bijometrika***.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan ta' Prüm II għandu jkun li tiżdied il-kooperazzjoni transfruntiera fi kwistjonijiet koperti mill-Kapitolu 5 tat-Titolu V tal-Parti III tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ***responsabbli għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali***.	L-għan ta' Prüm II għandu jkun li tiżdied il-kooperazzjoni transfruntiera fi kwistjonijiet koperti mill-Kapitolu 5 tat-Titolu V tal-Parti III tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ***kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri***.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan ta' Prüm II għandu jkun ukoll li jippermetti t-tfittxija ta' persuni neqsin u ta' fdalijiet umani mhux identifikati mill-awtoritajiet ***responsabbli għall-prevenzjoni***, ***l-identifikazzjoni*** u ***l-investigazzjoni ta' reati kriminali***.	L-għan ta' Prüm II għandu jkun ukoll li jippermetti t-tfittxija ta' persuni neqsin u ***l-identifikazzjoni*** ta' fdalijiet umani mhux identifikati mill-awtoritajiet ***kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri***, ***dment li dawk l-awtoritajiet ikunu ngħataw is-setgħa li jwettqu tali tfittxijiet*** u ***li jwettqu tali identifikazzjonijiet skont il-liġi nazzjonali***.
	Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament japplika għall-bażijiet ta' data nazzjonali użati għat-trasferiment awtomatizzat tal-kategoriji ta' profili tad-DNA, data dattiloskopika, immaġnijiet tal-wiċċ, rekords tal-pulizija u ċertu data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi.	Dan ir-Regolament japplika għall-bażijiet ta' data nazzjonali użati għat-trasferiment awtomatizzat tal-kategoriji ***tad-data*** ta' profili tad-DNA, data dattiloskopika, immaġnijiet tal-wiċċ, rekords tal-pulizija u ċertu data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi.
	Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "loci" tfisser ***l-istruttura molekulari partikolari fid-diversi pożizzjonijiet tad-DNA***;	(1) "loci" tfisser ***il-pożizzjonijiet tad-DNA li fihom karatteristiċi ta' identifikazzjoni ta' kampjun analizzat ta' DNA uman***;
	Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "profil tad-DNA" tfisser kodiċi b'ittri jew b'ċifri li jirrappreżenta sett ta' ***karatteristiċi ta' identifikazzjoni tal-parti non-kodifikanti ta' kampjun analizzat ta' DNA uman***, ***jiġifieri*** l-istruttura molekulari partikolari fid-diversi ***pożizzjonijiet tad-DNA***;	(2) "profil tad-DNA" tfisser kodiċi b'ittri jew b'ċifri li jirrappreżenta sett ta' ***loci***, ***jew*** l-istruttura molekulari partikolari fid-diversi ***loci***;

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "parti non-kodifikanti tad-DNA" tfisser reġjuni ta' kromożoma li ma humiex espressi ġenetikament, jiġifieri ma humiex magħrufa li jipprovdu xi proprjetajiet funzjonali ta' organiżmu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "profil tad-DNA ***ta' referenza"*** tfisser il-profil tad-DNA ta' persuna identifikata;	(5) "profil tad-DNA ***identifikat"*** tfisser il-profil tad-DNA ta' persuna identifikata;

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) "data dattiloskopika mhux identifikata" tfisser id-data dattiloskopika miksuba minn traċċi miġbura matul l-investigazzjoni ta' reati kriminali li jappartjenu għal persuna li għadha ma ġietx identifikata;

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) "data ta' referenza tal-immaġnijiet tal-wiċċ" tfisser l-immaġnijiet tal-wiċċ u n-numru ta' referenza msemmija fl-Artikolu 23;

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 10c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10c) "immaġni tal-wiċċ mhux identifikata" tfisser immaġni tal-wiċċ miġbura matul l-investigazzjoni ta' reat kriminali li tappartjeni għal persuna li

għadha ma ġietx identifikata;

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) "data alfanumerika" tfisser data rrappreżentata minn ittri, ċifri, karattri speċjali, spazji u marki tal-punteġġjatura;

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) "konkordanza" tfisser l-eżistenza ta' korrispondenza b'riżultat ta' tqabbil awtomatizzat bejn data personali ***rreġistrata jew li qed tiġi rreġistrata f'sistema ta' informazzjoni jew*** f'bażi ta' data;	(12) "konkordanza" tfisser l-eżistenza ta' korrispondenza b'riżultat ta' tqabbil awtomatizzat bejn data personali ***miżmuma mill-Istat Membru rikjedenti u data personali rreġistrata*** f'bażi ta' data ***tal-Istat Membru rikjest***;

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) "Stat Membru rikjest" tfisser l-Istat Membru li ***fih it-tfittxija*** fil-bażijiet ta' data ssir permezz ta' Prüm II mill-Istat Membru	(15) "Stat Membru rikjest" tfisser l-Istat Membru li fil-bażijiet ta' data ***tiegħu t-tfittxija*** ssir permezz ta' Prüm II mill-Istat

rikjedenti;	Membru rikjedenti;

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) "rekords tal-pulizija" tfisser ***kwalunkwe*** informazzjoni ***disponibbli fir-reġistru nazzjonali jew fir-reġistri li jirreġistraw id-data tal-awtoritajiet kompetenti,*** għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali;	(16) "rekords tal-pulizija" tfisser informazzjoni ***bijografika dwar persuni suspettati u kkundannati disponibbli fil-bażijiet ta' data nazzjonali stabbiliti*** għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali;

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) "psewdonimizzazzjoni" tfisser ***l-ipproċessar ta' data personali b'tali mod li d-data personali ma tkunx tista' tibqa' tiġi attribwita għal suġġett tad-data speċifiku mingħajr l-użu ta' informazzjoni addizzjonali, dment li tali informazzjoni addizzjonali tinżamm separatament u tkun soġġetta għal miżuri tekniċi u organizzattivi biex jiġi żgurat li d-data personali ma tiġix attribwita għal persuna fiżika identifikata jew identifikabbli***;	(17) "psewdonimizzazzjoni" tfisser ***psewdonimizzazzjoni kif definita fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2016/680***;

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) "vittma ta' kriminalità serja jew terroriżmu" tfisser persuna li tkun affettwata ħażin minn reat taħt il-liġi nazzjonali li jikkorrispondi jew li huwa ekwivalenti għal wieħed mir-reati msemmija fid-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew reat li jikkorrispondi jew li huwa ekwivalenti għal wieħed mir-reati msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, jekk dan ikun punibbli skont il-liġi nazzjonali b'piena ta' kustodja jew b'ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin;

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 17b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	“(17b) "awtoritajiet maħtura" tfisser l-awtoritajiet maħtura kif definiti fil-punt (26) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], fil-punt (e) tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI[1b], u fil-punt (21) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1c];
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi

rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

[1b] ***Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-identifikazzjoni u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129).***

[1c] ***Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1)."***

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) "data tal-Europol" tfisser kwalunkwe data personali proċessata mill-Europol f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794;	(18) "data tal-Europol" tfisser kwalunkwe data personali ***operazzjonali*** proċessata mill-Europol f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794;

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) "awtorità kompetenti tal-infurzar tal-liġi" tfisser kwalunkwe awtorità tal-pulizija, tad-dwana jew oħrajn ta' Stat Membru kompetenti skont il-liġi nazzjonali biex teżerċita awtorità u tieħu miżuri koerċittivi għall-fini tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali;

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) "SIENA" tfisser l-applikazzjoni ta' network għall-iskambju sikur ta' informazzjoni, ġestita mill-Europol, immirata biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni ***bejn l-Istati Membri u l-Europol***;	(20) "SIENA" tfisser l-applikazzjoni ta' network għall-iskambju sikur ta' informazzjoni, ġestita mill-Europol ***f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794***, immirata biex tiffaċilita l-iskambju ***u tiżgura t-trażmissjoni sigura*** ta' informazzjoni ***operazzjonali u strateġika relatata mar-reat***;

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) "inċident sinifikanti" tfisser ***kwalunkwe*** inċident ***sakemm ma jkollux impatt limitat u x'aktarx li jkun diġà mifhum sew f'termini ta' metodu jew teknoloġija***;	(21) "inċident sinifikanti" tfisser inċident ***sinifikanti kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] [2022/0085(COD)]***;
	1a Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni (ĠU...).

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) "theddid ċibernetiku sinifikanti" tfisser theddid ċibernetiku ***bl-intenzjoni, bl-opportunità u bil-kapaċità li jikkawża inċident sinifikanti;***	(22) "theddid ċibernetiku sinifikanti" tfisser theddid ċibernetiku ***sinifikanti kif definit fl-punt (11) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) .../... [2022/0085(COD)]***;

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) "vulnerabbiltà sinifikanti" tfisser vulnerabbiltà ***li x'aktarx twassal għal inċident sinifikanti jekk tiġi sfruttata;***	(23) "vulnerabbiltà sinifikanti" tfisser vulnerabbiltà ***sinifikanti kif definita fil-punt (13) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) .../... [2022/0085(COD)]***;

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Stabbiliment ta' ***fajls nazzjonali għall-analiżi*** tad-DNA	Stabbiliment ta' ***bażijiet ta' data nazzjonali*** tad-DNA

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiftħu u jżommu ***fajls*** nazzjonali ***għall-analiżi tad-DNA għall-investigazzjoni*** ta' reati kriminali.	1. L-Istati Membri għandhom jiftħu u jżommu ***bażijiet ta' data*** nazzjonali ***tad-DNA għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni*** ta' reati kriminali.

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ipproċessar tad-data miżmuma f'dawk ***il-fajls***, skont dan ir-Regolament, għandu jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament***,*** f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri applikabbli għall-ipproċessar ta' dawk id-data.	L-ipproċessar tad-data miżmuma f'dawk ***il-bażijiet ta' data***, skont dan ir-Regolament, għandu jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament ***u*** f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri applikabbli għall-ipproċessar ta' dawk id-data.

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' data ta' referenza tad-DNA ***mill-fajls*** nazzjonali tagħhom ***tal-analiżi*** tad-DNA kif imsemmi fil-paragrafu 1.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' data ta' referenza tad-DNA ***mill-bażijiet ta' data*** nazzjonali tagħhom tad-DNA kif imsemmi fil-paragrafu 1 ***għall-finijiet ta' tfittxijiet awtomatizzati minn Stati Membri oħra skont dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-data ta' referenza tad-DNA ma għandu jkun fiha l-ebda data li minnha individwu jkun jista' jiġi direttament identifikat.	Id-data ta' referenza tad-DNA ma għandu jkun fiha l-ebda data ***nominali addizzjonali*** li minnha individwu jkun jista' jiġi direttament identifikat.

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-data ta' referenza tad-DNA li ma hijiex attribwibbli għal xi individwu (profili tad-DNA mhux identifikati***) għandha tkun*** rikonoxxibbli bħala tali.	***Il-profili*** tad-DNA mhux identifikati ***għandhom ikunu*** rikonoxxibbli bħala tali.

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-karatteristiċi ta' identifikazzjoni ta' profil tad-DNA li għandu jiġi skambjat u r-rekwiżiti minimi għal konkordanza, filwaqt li jitqiesu l-istandards internazzjonali u Ewropej. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-Istati*** Membri għandhom jippermettu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali ***msemmija fl-Artikolu 29*** lill-Europol ***aċċess għad-data ta' referenza*** tad-DNA ***fil-fajls*** tagħhom ***tal-analiżi*** tad-DNA***, biex iwettqu tfittxijiet awtomatizzati billi*** jqabblu ***l-profili*** tad-DNA ***għall-investigazzjoni ta' reati kriminali***.	1. ***Għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali, l-Istati*** Membri għandhom jippermettu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali ***ta' Stati Membri oħrajn u*** lill-Europol ***iwettqu tfittxijiet awtomatizzati tal-profili*** tad-DNA ***fil-bażijiet ta' data*** tagħhom tad-DNA ***stabbiliti għal dak il-għan u*** jqabblu ***dawk il-profili*** tad-DNA ***mal-profili tagħhom tad-DNA***.

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-tfittxijiet ***jistgħu*** jitwettqu biss f'każijiet individwali u f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti.	It-tfittxijiet ***għandhom*** jitwettqu biss f'każijiet individwali***, fejn ikunu proporzjonati u meħtieġa għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reat kriminali,*** u f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti.

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Jekk tfittxija awtomatizzata turi li profil tad-DNA fornut jikkonkorda mal-profili tad-DNA ***mdaħħla fil-fajl imfittex*** tal-Istat Membru rikjest, il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti għandu jirċievi b'mod awtomatizzat id-data ta' referenza tad-DNA li magħha tkun instabet konkordanza.	2. Jekk tfittxija awtomatizzata turi li profil tad-DNA fornut jikkonkorda mal-profili tad-DNA ***maħżuna fil-bażi(jiet) imfittxija*** tal-Istat Membru rikjest, il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti għandu jirċievi b'mod awtomatizzat id-data ta' referenza tad-DNA li magħha tkun instabet konkordanza.

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk ma jkun hemm l-ebda konkordanza, l-Istat Membru rikjedenti għandu jiġi nnotifikat dwar dan b'mod awtomatizzat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti għandu jikkonferma konkordanza tad-data tal-profili tad-DNA mad-data ta' referenza tad-DNA miżmuma mill-Istat Membru rikjest wara l-provvista awtomatizzata tad-data ta' referenza tad-DNA meħtieġa sabiex tiġi kkonfermata konkordanza.	3. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti għandu jikkonferma ***b'mod manwali*** konkordanza tad-data tal-profili tad-DNA mad-data ta' referenza tad-DNA miżmuma mill-Istat Membru rikjest wara l-provvista awtomatizzata tad-data ta' referenza tad-DNA meħtieġa sabiex tiġi kkonfermata konkordanza.

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jistgħu, permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali tagħhom, iqabblu l-profili tad-DNA tal-profili tad-DNA mhux identifikati tagħhom mal-profili kollha tad-DNA minn ***fajls*** nazzjonali oħrajn ***tal-analiżi*** tad-DNA għall-investigazzjoni ta' reati kriminali. Il-profili għandhom jiġu fornuti u mqabbla b'mod awtomatizzat.	1. L-Istati Membri jistgħu, permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali tagħhom, iqabblu l-profili tad-DNA tal-profili tad-DNA mhux identifikati tagħhom mal-profili kollha tad-DNA minn ***bażijiet ta' data*** nazzjonali oħrajn tad-DNA għall-investigazzjoni ta' reati kriminali. Il-profili għandhom jiġu fornuti u mqabbla b'mod awtomatizzat.

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Jekk Stat Membru rikjest, ***b' riżultat*** tat-tqabbil imsemmi fil-paragrafu 1, isib li xi profili tad-DNA fornuti jaqblu ma' xi wieħed minn dawk ***fil-fajl tiegħu tal-analiżi*** tad-DNA, huwa għandu mingħajr dewmien iforni lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti bid-data ta' referenza tad-DNA li magħha nstabet konkordanza.	2. Jekk Stat Membru rikjest, ***b'riżultat*** tat-tqabbil imsemmi fil-paragrafu 1, isib li xi profili tad-DNA fornuti jaqblu ma' xi wieħed minn dawk ***fil-bażijiet ta' data tiegħu*** tad-DNA, huwa għandu mingħajr dewmien iforni lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti bid-data ta' referenza tad-DNA li magħha nstabet konkordanza.

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-konferma ta' konkordanza ta' profili tad-DNA mad-data ta' referenza tad-DNA miżmuma mill-Istat Membru rikjest għandha titwettaq mill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti wara l-provvista awtomatizzata tad-data ta' referenza tad-DNA meħtieġa sabiex tiġi kkonfermata l-konkordanza.	3. Il-konferma ta' konkordanza ta' profili tad-DNA mad-data ta' referenza tad-DNA miżmuma mill-Istat Membru rikjest għandha titwettaq ***b'mod manwali*** mill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti wara l-provvista awtomatizzata tad-data ta' referenza tad-DNA meħtieġa sabiex tiġi kkonfermata l-konkordanza.

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Rapportar dwar il-fajls tal-analiżi tad-DNA	
Kull Stat Membru għandu jinforma lill-	

Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar il-fajls nazzjonali tal-analiżi tad-DNA, li għalihom japplikaw l-Artikoli 5 sa 7, f'konformità mal-Artikolu 73.

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) numru ta' referenza li jippermetti lill-Istati Membri, f'każ ta' konkordanza, jiksbu aktar data u informazzjoni oħra fil-bażijiet ta' data tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5 sabiex jipprovduha lil Stat Membru wieħed, diversi Stati Membri jew lill-Istati Membri l-oħrajn kollha f'konformità ***mal-Artikoli*** 47 ***u 48***;	(a) numru ta' referenza li jippermetti lill-Istati Membri, f'każ ta' konkordanza, jiksbu aktar data u informazzjoni oħra fil-bażijiet ta' data tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5 sabiex jipprovduha lil Stat Membru wieħed, ***lil*** diversi Stati Membri jew lill-Istati Membri l-oħrajn kollha f'konformità ***mal-Artikolu*** 47 ***jew lill-Europol f'konformità mal-Artikolu 50(6)***;

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) numru ta' referenza li jippermetti lill-Europol, f'każ ta' konkordanza, tikseb aktar data u informazzjoni oħra għall-finijiet tal-Artikolu 49(1) sabiex tipprovdiha lil Stat Membru wieħed, lil diversi Stati Membri jew lill-Istati Membri kollha f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794;

Or. en

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kodiċi li jindika t-tip ta' profil tad-DNA (profili tad-DNA ***ta' referenza*** jew profili tad-DNA mhux identifikati).	(c) kodiċi li jindika t-tip ta' profil tad-DNA (profili tad-DNA ***identifikati*** jew profili tad-DNA mhux identifikati).

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Miżuri xierqa*** għandhom ***jittieħdu*** sabiex ***tkun żgurata l-konfidenzjalità*** u l-integrità tad-data ta' referenza tad-DNA li qiegħda tintbagħat lil Stati Membri oħrajn, inkluż il-kriptaġġ.	1. ***L-Istati Membri u, fejn applikabbli, il-Europol*** għandhom ***jieħdu miżuri xierqa*** sabiex ***jiżguraw il-kunfidenzjalità*** u l-integrità tad-data ta' referenza tad-DNA li qiegħda tintbagħat lil Stati Membri oħrajn ***jew lill-Europol***, inkluż il-kriptaġġ.

Or. en

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiggarantixxu l-integrità tal-profili tad-DNA li saru disponibbli jew intbagħtu għat-tqabbil lill-Istati Membri l-oħrajn u sabiex jiżguraw li dawn il-miżuri jikkonformaw mal-istandards internazzjonali rilevanti għall-iskambju tad-data tad-DNA.	2. L-Istati Membri ***u l-Europol*** għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiggarantixxu l-integrità tal-profili tad-DNA li saru disponibbli jew intbagħtu għat-tqabbil lill-Istati Membri l-oħrajn u sabiex jiżguraw li dawn il-miżuri jikkonformaw mal-istandards ***Ewropej jew*** internazzjonali rilevanti għall-iskambju

tad-data tad-DNA.

Or. en

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-istandards internazzjonali rilevanti li għandhom jintużaw mill-Istati Membri għall-iskambju ta' data ta' referenza tad-DNA. ***Dawk l-atti*** ta' implimentazzjoni ***għandhom jiġu adottati skont il-proċedura imsemmija*** fl-Artikolu 76(2).	3. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***att*** ta' implimentazzjoni sabiex ***tistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' kwalità li għandhom jintlaħqu mid-data ta' referenza tad-DNA u sabiex*** tispeċifika l-istandards ***Ewropej jew*** internazzjonali rilevanti li għandhom jintużaw mill-Istati Membri ***u mill-Europol*** għall-iskambju ta' data ta' referenza tad-DNA. ***Dak l-att*** ta' implimentazzjoni ***għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija*** fl-Artikolu 76(2).

Or. en

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tipi tal-profili tad-DNA mibgħuta (profili tad-DNA mhux identifikati jew profili tad-DNA ***ta' referenza***).	(d) it-tipi tal-profili tad-DNA mibgħuta (profili tad-DNA mhux identifikati jew profili tad-DNA ***identifikati***).

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-tipi tal-profili tad-DNA mibgħuta (profili tad-DNA mhux identifikati jew profili tad-DNA ***ta' referenza*****).**	(f) it-tipi tal-profili tad-DNA mibgħuta (profili tad-DNA mhux identifikati jew profili tad-DNA ***identifikati*****);**

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Notifika awtomatizzata ta' konkordanza għandha tingħata biss jekk it-tiftix jew it-tqabbil awtomatizzat ikun irriżulta f'konkordanza ta' għadd minimu ta' loci. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika dan in-numru minimu ta' loci, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).	3. Notifika awtomatizzata ta' konkordanza għandha tingħata biss jekk it-tiftix jew it-tqabbil awtomatizzat ikun irriżulta f'konkordanza ta' għadd minimu ta' loci. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***att*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika dan in-numru minimu ta' loci, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).

Or. en

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-talbiet ikunu konsistenti ***mad-dikjarazzjonijiet*** mibgħuta skont l-Artikolu ***8***. Dawk ***id-dikjarazzjonijiet*** għandhom jiġu ***rriprodotti*** fil-manwal prattiku msemmi fl-Artikolu 78.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-talbiet ikunu konsistenti ***man-notifiki*** mibgħuta skont l-Artikolu ***73(2a)***. Dawk ***in-notifiki*** għandhom jiġu ***riprodotti*** fil-manwal prattiku msemmi fl-Artikolu 78.

Or. en

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' data ta' referenza dattiloskopika ***mill-fajl għas-sistemi awtomatizzati*** nazzjonali ***ta' identifikazzjoni tal-marki tas-swaba'*** stabbiliti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' data ta' referenza dattiloskopika ***mill-bażi(jiet) ta' data*** nazzjonali ***tagħhom*** stabbiliti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali.

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data ta' referenza dattiloskopika ma għandu jkun fiha l-ebda data li minnha individwu jista' jiġi direttament identifikat.	2. Id-data ta' referenza dattiloskopika ma għandu jkun fiha l-ebda data ***nominali addizzjonali*** li minnha individwu ***jkun*** jista' jiġi direttament identifikat.

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-data ***ta' referenza dattiloskopika li ma hijiex attribwita lil xi individwu (data*** dattiloskopika mhux identifikata***)*** għandha tkun rikonoxxibbli bħala tali.	3. Id-data dattiloskopika mhux identifikata għandha tkun rikonoxxibbli bħala tali.

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Stati Membri oħrajn u lill-Europol aċċess għad-data ta' referenza dattiloskopika ***fis-sistemi awtomatizzati*** ta' ***identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' li jkunu stabbilew*** għal dak il-għan, sabiex iwettqu tfittxijiet awtomatizzati billi jqabblu data ta' referenza dattiloskopika.	1. Għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Stati Membri oħrajn u lill-Europol aċċess għad-data ta' referenza dattiloskopika ***fil-bażijiet*** ta' ***data nazzjonali tagħhom stabbiliti*** għal dak il-għan, sabiex iwettqu tfittxijiet awtomatizzati billi jqabblu data ta' referenza dattiloskopika.

Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-tfittxijiet ***jistgħu*** jitwettqu biss f'każijiet individwali u f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti.	It-tfittxijiet ***għandhom*** jitwettqu biss f'każijiet individwali***, fejn ikunu proporzjonati u meħtieġa għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reat kriminali,*** u f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti.

Or. en

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti għandu jikkonferma konkordanza ta' data dattiloskopika ma' data ta' referenza dattiloskopika miżmuma mill-Istat Membru rikjest wara l-provvista awtomatizzata tad-data ta' referenza dattiloskopika meħtieġa sabiex tiġi kkonfermata konkordanza.	2. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti għandu jikkonferma ***b'mod manwali*** konkordanza ta' data dattiloskopika ma' data ta' referenza dattiloskopika miżmuma mill-Istat Membru rikjest wara l-provvista awtomatizzata tad-data ta' referenza dattiloskopika meħtieġa sabiex tiġi kkonfermata konkordanza.

Or. en

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) numru ta' referenza li jippermetti lill-Istati Membri, fil-każ ta' konkordanza, jirkupraw data ulterjuri u informazzjoni oħra fil-bażijiet ta' data tagħhom imsemmija fl-Artikolu 12 sabiex jipprovduha lil Stat Membru wieħed, diversi Stati Membri jew lill-Istati Membri l-oħrajn kollha f'konformità mal-Artikoli 47 u 48;	(a) numru ta' referenza li jippermetti lill-Istati Membri, fil-każ ta' konkordanza, jirkupraw data ulterjuri u informazzjoni oħra fil-bażijiet ta' data tagħhom imsemmija fl-Artikolu 12 sabiex jipprovduha lil Stat Membru wieħed, diversi Stati Membri jew lill-Istati Membri l-oħrajn kollha f'konformità mal-Artikoli 47 u 48 ***jew lill-Europol f'konformità mal-Artikolu 50(6)***;

Or. en

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) numru ta' referenza li jippermetti lill-Europol, f'każ ta' konkordanza, tikseb aktar data u informazzjoni oħra għall-

finijiet tal-Artikolu 49(1) sabiex tipprovdiha lil Stat Membru wieħed, lil diversi Stati Membri jew lill-Istati Membri kollha f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794;

Or. en

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-diġitalizzazzjoni tad-data dattiloskopika u t-trażmissjoni tagħhom lill-Istati Membri l-oħrajn għandhom jitwettqu f'konformità ma' format uniformi tad-data. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-format uniformi tad-data f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).	1. Id-diġitalizzazzjoni tad-data dattiloskopika u t-trażmissjoni tagħhom lill-Istati Membri l-oħrajn ***jew lill-Europol*** għandhom jitwettqu f'konformità ma' format uniformi tad-data. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***att*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-format uniformi tad-data f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).

Or. en

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru ***għandu jiżgura*** li d-data dattiloskopika li ***jibgħat*** tkun ta' kwalità tajba biżżejjed għat-tqabbil ***bis-sistema awtomatizzata*** ta' ***identifikazzjoni tal-marki tas-swaba'***.	2. Kull Stat Membru ***u l-Europol għandhom jiżguraw*** li d-data dattiloskopika li ***jibagħtu*** tkun ta' kwalità tajba biżżejjed ***għal tqabbil awtomatizzat. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-istandard minimu ta' kwalità*** għat-tqabbil ***tad-data dattiloskopika. Dak l-att*** ta' ***implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2)***.

Or. en

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jiżguraw il-kunfidenzjalità u l-integrità tad-data dattiloskopika li tintbagħat lil Stati Membri oħrajn, inkluż il-kriptaġġ tagħhom.	3. L-Istati Membri ***u l-Europol*** għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jiżguraw il-kunfidenzjalità u l-integrità tad-data dattiloskopika li tintbagħat lil Stati Membri oħrajn, inkluż il-kriptaġġ tagħhom.

Or. en

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-istandards eżistenti rilevanti għall-iskambju ta' data dattiloskopika li għandhom jintużaw mill-Istati Membri. ***Dawk l-atti*** ta' implimentazzjoni ***għandhom jiġu adottati skont il-proċedura imsemmija*** fl-Artikolu 76(2).	4. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***att*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-istandards ***Ewropej jew internazzjonali*** eżistenti rilevanti għall-iskambju ta' data dattiloskopika li għandhom jintużaw mill-Istati Membri. ***Dak l-att*** ta' implimentazzjoni ***għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija*** fl-Artikolu 76(2).

Or. en

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Kull Stat Membru għandu jiżgura*** li l-mistoqsijiet ta' tiftix ***tiegħu*** ma jaqbżux il-kapaċitajiet ta' tiftix speċifikati mill-Istat Membru rikjest.	1. ***L-Istati Membri u l-Europol għandhom jiżguraw*** li l-mistoqsijiet ta' tiftix ***tagħhom*** ma jaqbżux il-kapaċitajiet ta' tiftix speċifikati mill-Istat Membru rikjest.

Or. en

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom ***jinformaw lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA f'konformità mal-Artikolu 79(8)*** u ***(10)*** dwar il-kapaċitajiet massimi ta' tfittxija tagħhom kuljum għad-data dattiloskopika ta' persuni identifikati u għad-data dattiloskopika ta' persuni li għadhom ma ġewx identifikati.	L-Istati Membri għandhom ***jinfurmaw lil Stati Membri oħrajn, lill-Europol, lill-Kummissjoni*** u ***lill-eu-LISA*** dwar il-kapaċitajiet massimi ta' tfittxija tagħhom kuljum għad-data dattiloskopika ta' persuni identifikati u għad-data dattiloskopika ta' persuni li għadhom ma ġewx identifikati. ***L-Istati Membri jistgħu jgħollu dawk il-kapaċitajiet massimi ta' tfittxija. Meta Stat Membru jgħolli dawk il-kapaċitajiet massimi ta' tfittxija, huwa għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn, lill-Europol, lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar il-kapaċitajiet massimi ġodda ta' tfittxija.***

Or. en

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika	2. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***att*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika n-

n-numri massimi ta' kandidati aċċettati għat-tqabbil għal kull trażmissjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).	numri massimi ta' kandidati aċċettati għat-tqabbil għal kull trażmissjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).

Or. en

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) data relatata ma' sidien jew ma' ***operaturi***;	(a) data relatata ma' sidien jew ma' ***detenturi***;

Or. en

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-elementi tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vettura li ***għandhom*** jiġu skambjati. ***Dawk l-atti*** ta' implimentazzjoni ***għandhom jiġu adottati skont il-proċedura imsemmija*** fl-Artikolu 76(2).	3. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***att*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-elementi tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vettura li ***jistgħu*** jiġu skambjati. ***Dak l-att*** ta' implimentazzjoni ***għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija*** fl-Artikolu 76(2).

Or. en

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jżomm reġistri tat-tfittxijiet li jagħmel il-persunal tal-awtoritajiet tiegħu li huwa debitament awtorizzat li jiskambja d-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi kif ukoll reġistri tat-tfittxijiet rikjesti minn Stati Membri oħrajn. Il-Europol għandha żżomm reġistri tat-tfittxijiet li jagħmel il-persunal debitament awtorizzat tagħha.	1. Kull Stat Membru għandu jżomm reġistri tat-tfittxijiet li jagħmel il-persunal tal-awtoritajiet ***kompetenti tal-infurzar tal-liġi*** tiegħu li huwa debitament awtorizzat li jiskambja d-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi kif ukoll reġistri tat-tfittxijiet rikjesti minn Stati Membri oħrajn. Il-Europol għandha żżomm reġistri tat-tfittxijiet li jagħmel il-persunal debitament awtorizzat tagħha.

Or. en

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk ir-reġistrazzjonijiet għandhom ikunu protetti permezz ta' miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jitħassru ***sena*** wara li jinħolqu. Jekk madanakollu, jkunu rikjesti għal proċeduri ta' monitoraġġ li jkunu diġà bdew, għandhom jitħassru ladarba l-proċeduri ta' monitoraġġ ma jkunux għadhom jirrikjedu r-reġistrazzjonijiet.	Dawk ir-reġistrazzjonijiet għandhom ikunu protetti permezz ta' miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jitħassru ***sentejn*** wara li jinħolqu. Jekk madanakollu, jkunu rikjesti għal proċeduri ta' monitoraġġ li jkunu diġà bdew, għandhom jitħassru ladarba l-proċeduri ta' monitoraġġ ma jkunux għadhom jirrikjedu r-reġistrazzjonijiet.

Or. en

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' immaġnijiet tal-wiċċ mill-bażijiet ta' data nazzjonali	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' immaġnijiet tal-wiċċ ***ta' persuni suspettati u***

tagħhom stabbiliti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali. Dik id-data għandha tinkludi biss immaġnijiet tal-wiċċ u n-numru ta' referenza msemmi fl-Artikolu 23, u għandha tindika jekk l-immaġnijiet tal-wiċċ humiex attribwiti lil individwu jew le.	***kkundannati miġbura f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom*** mill-bażijiet ta' data nazzjonali tagħhom stabbiliti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali. Dik id-data għandha tinkludi biss immaġnijiet tal-wiċċ u n-numru ta' referenza msemmi fl-Artikolu 23, u għandha tindika jekk l-immaġnijiet tal-wiċċ humiex attribwiti lil individwu jew le.

Or. en

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ma għandhomx jagħmlu disponibbli f'dan il-kuntest kwalunkwe data li minnha individwu jista' jiġi identifikat direttament.	L-Istati Membri ma għandhomx jagħmlu disponibbli f'dan il-kuntest kwalunkwe data ***nominali addizzjonali*** li minnha individwu ***jkun*** jista' jiġi identifikat direttament.

Or. en

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Immaġnijiet tal-wiċċ li ma humiex attribwiti lil xi individwu (immaġnijiet*** tal-wiċċ mhux identifikati***)*** għandhom ikunu rikonoxxibbli bħala tali.	2. ***L-immaġnijiet*** tal-wiċċ mhux identifikati għandhom ikunu rikonoxxibbli bħala tali.

Or. en

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Stati Membri oħrajn u lill-Europol aċċess ***għal immaġnijiet*** tal-wiċċ maħżuna fil-bażijiet ta' data nazzjonali tagħhom, sabiex iwettqu tfittxijiet awtomatizzati.	1. Għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Stati Membri oħrajn u lill-Europol aċċess ***għad-data ta' referenza tal-immaġnijiet*** tal-wiċċ maħżuna fil-bażijiet ta' data nazzjonali tagħhom, sabiex iwettqu tfittxijiet awtomatizzati.

Or. en

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-tfittxijiet ***jistgħu*** jitwettqu biss f'każijiet individwali u f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti.	It-tfittxijiet ***għandhom*** jitwettqu biss f'każijiet individwali***, fejn ikunu proporzjonati u meħtieġa għall-fini tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reat kriminali,*** u f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti. ***It-tfittxijiet għall-fini tat-tfassil ta' profili kriminali għandhom ikunu pprojbiti.***

Or. en

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru rikjedenti għandu jirċievi lista magħmula minn ***konkordanzi li jikkonċernaw*** kandidati ***probabbli***. Dak l-Istat Membru għandu jirrieżamina l-lista sabiex jiddetermina l-eżistenza ta' konkordanza kkonfermata.	2. L-Istat Membru rikjedenti għandu jirċievi lista magħmula minn kandidati. Dak l-Istat Membru għandu jirrieżamina ***b'mod manwali*** l-lista sabiex jiddetermina l-eżistenza ta' konkordanza kkonfermata.

Or. en

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għandu jiġi stabbilit standard minimu ta' kwalità li jippermetti t-tfittxija u t-tqabbil tal-immaġnijiet tal-wiċċ. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika dak l-istandard minimu ta' kwalità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 76(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) numru ta' referenza li jippermetti lill-Istati Membri, f'każ ta' konkordanza, jiksbu aktar data u informazzjoni oħra fil-bażijiet ta' data tagħhom imsemmija fl-Artikolu 21 sabiex jipprovduha lil Stat Membru wieħed, diversi Stati Membri jew lill-Istati Membri l-oħrajn kollha	(a) numru ta' referenza li jippermetti lill-Istati Membri, f'każ ta' konkordanza, jiksbu aktar data u informazzjoni oħra fil-bażijiet ta' data tagħhom imsemmija fl-Artikolu 21 sabiex jipprovduha lil Stat Membru wieħed, ***lil*** diversi Stati Membri jew lill-Istati Membri l-oħrajn kollha

f'konformità ***mal-Artikoli*** 47 ***u 48***;	f'konformità ***mal-Artikolu*** 47 ***jew lill-Europol f'konformità mal-Artikolu 50(6)***;

Or. en

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 23a
	Prinċipji għall-iskambju ta' immaġnijiet tal-wiċċ
	1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-immaġnijiet tal-wiċċ li jittrażmetti jkunu ta' kwalità suffiċjenti għal tqabbil awtomatizzat. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-istandard minimu ta' kwalità għat-tqabbil tal-immaġnijiet tal-wiċċ. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).
	2. L-Istati Membri u l-Europol għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw il-kunfidenzjalità u l-integrità tal-immaġnijiet tal-wiċċ li jintbagħtu lil Stati Membri oħrajn, inkluż il-kriptaġġ tagħhom.
	3. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti li għandhom jintużaw mill-Istati Membri u mill-Europol għall-iskambju ta' immaġnijiet tal-wiċċ. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).

Or. en

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rekords tal-pulizija	***Indiċi tar-rekords*** tal-pulizija ***nazzjonali***

Or. en

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jipparteċipaw fl-iskambju awtomatizzat tar-rekords tal-pulizija. L-Istati Membri li jipparteċipaw fl-iskambju awtomatizzat tar-rekords tal-pulizija għandhom jiżguraw id-disponibbiltà tad-data bijografika ta' persuni suspettati ***u kriminali mill-indiċijiet tar-rekords tal-pulizija nazzjonali tagħhom*** stabbiliti ***għall-investigazzjoni*** ta' reati kriminali. ***Dan is-sett*** ta' data, jekk ***disponibbli, għandu jkun fih*** id-data li ġejja:	1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jipparteċipaw fl-iskambju awtomatizzat tar-rekords tal-pulizija. ***Għall-finijiet ta' tali skambji,*** l-Istati Membri li jipparteċipaw fl-iskambju awtomatizzat tar-rekords tal-pulizija għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ***tal-indiċijiet tar-rekords tal-pulizija nazzjonali li fihom settijiet*** tad-data bijografika ta' persuni suspettati ***li wettqu reat kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/794 jew l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jew ikkundannati talli wettqu tali reat minn bażijiet ta' data nazzjonali*** stabbiliti ***għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni*** ta' reati kriminali. ***Dawk is-settijiet*** ta' data ***għandu jkun fihom***, jekk ***applikabbli u sa fejn ikunu disponibbli,*** id-data li ġejja:

Or. en

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-psewdonimu/i;	(c) il-psewdonimu/i ***u l-isem/ismijiet użat(i) qabel***;

Or. en

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva (UE) 2016/680, jiżguraw li d-data inkluża fl-indiċijiet tar-rekords tal-pulizija nazzjonali tkun preċiża, kompluta u aġġornata.

Or. en

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għall-investigazzjoni*** ta' reati kriminali, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Stati Membri oħrajn u lill-Europol aċċess għad-data ***mill-indiċijiet*** tar-rekords tal-pulizija nazzjonali tagħhom, sabiex iwettqu tfittxijiet awtomatizzati.	1. ***Għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni*** ta' reati kriminali, l-Istati Membri ***li jipparteċipaw fl-iskambju awtomatizzat ta' rekords tal-pulizija*** għandhom jippermettu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Stati Membri oħrajn ***li jipparteċipaw f'tali skambji*** u lill-Europol aċċess għad-data ***fl-indiċijiet*** tar-rekords tal-pulizija nazzjonali tagħhom, sabiex iwettqu tfittxijiet awtomatizzati.

Or. en

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-tfittxijiet ***jistgħu*** jitwettqu biss f'każijiet individwali u f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti.	It-tfittxijiet ***għandhom*** jitwettqu biss f'każijiet individwali***, fejn ikunu proporzjonati u meħtieġa għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reat kriminali,*** u f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti.

Or. en

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru rikjedenti għandu jirċievi l-lista ta' konkordanzi b'indikazzjoni tal-kwalità tal-konkordanzi.	***imħassar***
L-Istat Membru rikjedenti għandu jiġi informat ukoll dwar l-Istat Membru li l-bażi ta' data tiegħu jkun fiha d-data li rriżultat fil-konkordanza.	

Or. en

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) numru ta' referenza li jippermetti lill-Istati Membri, fil-każ ta' konkordanza, jirkupraw data personali u informazzjoni oħra fl-indiċijiet tagħhom imsemmija fl-	(a) numru ta' referenza li jippermetti lill-Istati Membri, fil-każ ta' konkordanza, jirkupraw data personali u informazzjoni oħra fl-indiċijiet ***tar-rekords tal-pulizija***

Artikolu 25 sabiex jipprovduha lil Stat Membru wieħed, diversi Stati Membri jew lill-Istati Membri l-oħrajn kollha f'konformità ***mal-Artikoli 47 u 48***;	***nazzjonali*** tagħhom imsemmija fl-Artikolu 25 sabiex jipprovduha lil Stat Membru wieħed, diversi Stati Membri jew lill-Istati Membri l-oħrajn kollha f'konformità ***mal-Artikolu 44***;

Or. en

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***ir-rekords tal-pulizija u n-numri ta' referenza tagħhom imsemmija fl-Artikolu 27***.	(c) ***id-data msemmija fl-Artikolu 25(1), meta disponibbli u pseudomatizzata b'mod konformi mal-Artikolu 25(2)***.

Or. en

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) indikazzjoni ***ta' jekk kienx hemm konkordanza waħda jew aktar jew l-ebda konkordanza***;	(a) indikazzjoni ***tan-numru ta' konkordanzi***;

Or. en

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull Stat Membru għandu jinnomina punt	Kull Stat Membru għandu jinnomina ***mill-***

ta' kuntatt nazzjonali.	***inqas*** punt ta' kuntatt nazzjonali ***wieħed***.

Or. en

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali tagħhom b'riżorsi suffiċjenti, inkluż persunal kwalifikat, u għandhom jiżguraw li jkollhom kapaċità suffiċjenti biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod adegwat, effettiv u rapidu f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-arranġamenti tekniċi ***għall-proċeduri*** stabbiliti fl-Artikoli 6, 7, 13, 18, 22 u 26. ***Dawk l-atti*** ta' implimentazzjoni ***għandhom jiġu adottati*** f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).	Il-Kummissjoni għandha tadotta ***att*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-arranġamenti tekniċi ***li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri fir-rigward tal-proċeduri*** stabbiliti fl-Artikoli 6, 7, 13, 18, 22 u 26. ***Dak l-att*** ta' implimentazzjoni ***għandu jiġi adottat*** f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).

Or. en

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 31	***imħassar***
Speċifikazzjonijiet tekniċi	
L-Istati Membri u l-Europol għandhom josservaw speċifikazzjonijiet tekniċi komuni b'rabta mat-talbiet u mat-tweġibiet kollha relatati mat-tfittxija u t-tqabbil tal-profili tad-DNA, id-data dattiloskopika, id-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, l-immaġnijiet tal-wiċċ u r-rekords tal-pulizija. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).	

Or. en

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali għandhom jinformaw minnufih lil xulxin, lill-Kummissjoni, lill-Europol u lill-eu-LISA ***dwar ħsara teknika li tikkawża n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-iskambju awtomatizzat tad-data***.	2. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali għandhom jinformaw minnufih lil xulxin, lill-Kummissjoni, lill-Europol u lill-eu-LISA ***meta l-iskambju awtomatizzat tad-data ma jkunx disponibbli***.

Or. en

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-punti ta' kuntatt nazzjonali għandhom jaqblu dwar arranġamenti alternattivi temporanji għall-iskambju ta' informazzjoni f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni u ***mal-leġiżlazzjoni*** nazzjonali.	***Meta l-iskambju awtomatizzat tad-data ma jkunx disponibbli,*** il-punti ta' kuntatt nazzjonali għandhom jaqblu dwar arranġamenti alternattivi temporanji għall-iskambju ta' informazzjoni f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni u ***dak*** nazzjonali.

Or. en

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali għandhom ***jistabbilixxu mill-ġdid l-iskambju awtomatizzat tad-data*** mingħajr dewmien.	3. ***Meta l-iskambju awtomatizzat tad-data ma jkunx disponibbli,*** il-punti ta' kuntatt nazzjonali għandhom ***jiżguraw li dan jiġi stabbilit mill-ġdid*** mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jżomm ġustifikazzjoni tat-tfittxijiet li jagħmlu l-awtoritajiet kompetenti tiegħu.	1. Kull Stat Membru għandu jżomm ġustifikazzjoni tat-tfittxijiet li jagħmlu l-awtoritajiet kompetenti ***tal-infurzar tal-liġi*** tiegħu.

Or. en

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) indikazzjoni dwar jekk it-tfittxija tikkonċernax persuna suspettata jew awtur ta' reat kriminali;	(b) indikazzjoni dwar jekk it-tfittxija tikkonċernax persuna suspettata jew awtur ta' reat kriminali***, vittma ta' reat terroristiku kif definit fl-Artikolu 4, punt 21, tar-Regolament (UE) 2019/817, vittma ta' reat kriminali serju kif definit fl-Artikolu 4, punt 22, ta' dak ir-Regolament, persuna nieqsa jew fdalijiet umani mhux identifikati***;

Or. en

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) indikazzjoni dwar jekk it-tfittxija għandhiex l-għan li tidentifika persuna ***mhux magħrufa*** jew li tikseb aktar data dwar persuna magħrufa.	(c) indikazzjoni dwar jekk it-tfittxija għandhiex l-għan li tidentifika persuna jew li tikseb aktar data dwar persuna magħrufa.

Or. en

Emenda 124

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk il-ġustifikazzjonijiet għandhom ikunu protetti permezz ta' miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jitħassru ***sena*** wara li jinħolqu.	Dawk il-ġustifikazzjonijiet għandhom ikunu protetti permezz ta' miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jitħassru ***sentejn*** wara li

Jekk madankollu, huma jkunu meħtieġa għal proċeduri ta' monitoraġġ li jkunu diġà bdew, huma għandhom jitħassru ladarba l-proċeduri ta' monitoraġġ ma jibqgħux jeħtieġu l-ġustifikazzjoni.	jinħolqu. Jekk madankollu, huma jkunu meħtieġa għal proċeduri ta' monitoraġġ li jkunu diġà bdew, huma għandhom jitħassru ladarba l-proċeduri ta' monitoraġġ ma jibqgħux jeħtieġu l-ġustifikazzjoni.

Or. en

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-istandard*** tal-format universali ***tal-messaġġi*** (UMF) għandu jintuża fl-iżvilupp tar-router imsemmi fl-Artikolu 35 u l-EPRIS.	1. ***Sa fejn dan huwa applikabbli, l-istandard*** tal-format universali ***ta' messaġġ*** (UMF) ***imsemmi fl-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2019/817*** għandu jintuża fl-iżvilupp tar-router imsemmi fl-Artikolu 35 u l-EPRIS.

Or. en

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jiġi stabbilit router għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-istabbiliment ta' konnessjonijiet bejn l-Istati Membri u mal-Europol għat-tfittxijiet, l-irkupru u l-għoti ta' punteġġ lid-data bijometrika f'konformità ma' dan ir-Regolament.	1. Jiġi stabbilit router għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-istabbiliment ta' konnessjonijiet bejn l-Istati Membri u mal-Europol għat-tfittxijiet, l-irkupru u l-għoti ta' punteġġ lid-data bijometrika ***u l-irkupru ta' data alfanumerika*** f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mezz ta' komunikazzjoni sigur bejn l-infrastruttura ċentrali, ***l-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni li huma intitolati li*** jużaw ir-router;	(b) mezz ta' komunikazzjoni sigur bejn l-infrastruttura ċentrali, ***l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-infurzar tal-liġi awtorizzati*** jużaw ir-router ***b'mod konformi mal-Artikolu 36 u l-Europol***;

Or. en

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-użu tar-router għandu jkun riżervat għall-awtoritajiet tal-Istati Membri li ***jkollhom aċċess għall-iskambju ta'*** profili tad-DNA, data dattiloskopika u immaġnijiet tal-wiċċ, ***u l-Europol f'konformità ma'*** dan ir-Regolament u ***r-Regolament*** (UE) 2016/794.	L-użu tar-router għandu jkun riżervat għall-awtoritajiet ***kompetenti*** tal-Istati Membri ***tal-infurzar tal-liġi*** li ***jkunu awtorizzati jaċċedu u jiskambjaw*** profili tad-DNA, data dattiloskopika u immaġnijiet tal-wiċċ, ***b'mod konformi ma'*** dan ir-Regolament u ***l-Europol f'konformità mar-Regolament*** (UE) 2016/794.

Or. en

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-utenti tar-router imsemmija fl-Artikolu*** 36 għandhom jitolbu tfittxija billi jissottomettu data bijometrika lir-router. Ir-router għandu jibgħat it-talba għal tfittxija	1. ***L-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi awtorizzati jaċċedu r-router b'mod konformi mal-Artikolu*** 36 għandhom jitolbu tfittxija billi

lill-bażijiet ta' data tal-Istati Membri u d-data tal-Europol simultanjament mad-data preżentata mill-utent u f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess ***tagħhom***.	jissottomettu data bijometrika lir-router. Ir-router għandu jibgħat it-talba għal tfittxija lill-bażijiet ta' data tal-Istati Membri ***rikjesti*** u d-data tal-Europol simultanjament mad-data preżentata mill-utent u f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess ***tiegħu u tagħha***.

Or. en

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Malli jirċievi t-talba għal tfittxija mir-router, kull Stat Membru rikjest u l-Europol għandhom iniedu tfittxija tal-bażijiet ta' data tagħhom b'mod awtomatizzat u mingħajr dewmien.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Kwalunkwe ***konkordanza*** li ***tirriżulta mit-tfittxija fil-bażijiet ta' data ta' kull Stat Membru u d-data tal-Europol għandha tintbagħat lura*** b'mod awtomatizzat lir-router.	3. Kwalunkwe ***kandidat*** li ***jirriżulta mit-tfittxijiet imemmija fil-paragradu 2 għandu jintbagħat lura*** b'mod awtomatizzat lir-router***. L-Istat Membru rikjedenti għandu jiġi nnotifikat b'mod awtomatizzat meta ma jkun hemm l-ebda konkordanza.***

Or. en

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ir-router għandu jikklassifika t-tweġibiet f'konformità mal-punteġġ tal-korrispondenza bejn id-data bijometrika użata għat-tfittxijiet u d-data bijometrika ***maħżuna fil-bażijiet*** ta' data tal-Istati Membri u d-data tal-Europol.	4. Ir-router għandu jikklassifika t-tweġibiet f'konformità mal-punteġġ tal-korrispondenza bejn id-data bijometrika użata għat-tfittxijiet u d-data bijometrika ***provduta mill-bażijiet*** ta' data tal-Istati Membri ***rikjest*** u d-data tal-Europol.

Or. en

Emenda 133

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Il-lista*** tad-data bijometrika konkordanti u l-punteġġi tagħha ***għandhom jiġu rritornati lill-utent tar-router permezz tar-router***.	5. ***Ir-router għandu jirritorna l-lista*** tad-data bijometrika konkordanti u l-punteġġi tagħha ***lill-Istat Membru rikjedenti***.

Or. en

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-proċedura teknika għar-router sabiex issir tfittxija tal-bażijiet ta' data tal-Istati Membri u d-data tal-Europol, il-format tat-tweġibiet tar-router u r-regoli tekniċi għall-għoti ta' punteġġ għall-korrispondenza bejn id-data bijometrika. ***Dawn l-atti*** ta'	6. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***att*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-proċedura teknika għar-router sabiex issir tfittxija tal-bażijiet ta' data tal-Istati Membri u d-data tal-Europol, il-format tat-tweġibiet tar-router u r-regoli tekniċi għall-għoti ta' punteġġ għall-korrispondenza bejn id-data bijometrika. ***Dak l-att*** ta'

implimentazzjoni ***għandhom jiġu adottati*** f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).	implimentazzjoni ***għandu jiġi adottat*** f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).

Or. en

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk id-data ma tkunx tajba għat-tqabbil awtomatizzat, l-Istat Membru rikjest għandu jgħarraf lill-Istat Membru rikjedenti ***dwar dan bir-router bla dewmien***.	L-Istat Membru rikjest għandu jgħarref lill-Istat Membru rikjedenti, ***mingħajr dewmien, permezz tar-router meta d-data ma tkunx xierqa għal tqabbil awtomatizzat***.

Or. en

Emenda 136

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-utenti tar-router imsemmija fl-Artikolu*** 36 jistgħu jniedu tfittxija fil-bażijiet ta' data tal-Istati Membri u d-data tal-Europol simultanjament ma' tfittxija fir-Repożitorju Komuni ta' informazzjoni dwar l-Identità ***meta*** jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti skont id-dritt tal-Unjoni u f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom. Għal dan il-għan, ir-router għandu jfittex ir-Repożitorju Komuni ta' informazzjoni dwar l-Identità permezz tal-Portal Ewropew tat-tfittxija.	1. ***Meta l-awtoritajiet maħtura jkunu awtorizzati jużaw ir-router b'mod konformi mal-Artikolu*** 36***, huma*** jistgħu jniedu tfittxija fil-bażijiet ta' data tal-Istati Membri u d-data tal-Europol simultanjament ma' tfittxija fir-Repożitorju Komuni ta' informazzjoni dwar l-Identità***, sakemm*** jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti skont id-dritt tal-Unjoni u ***dejjem jekk it-tfittxija titnieda*** f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom. Għal dan il-għan, ir-router għandu jfittex ir-Repożitorju Komuni ta' informazzjoni dwar l-Identità permezz tal-Portal Ewropew tat-tfittxija.

Or. en

Emenda 137

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet maħtura biss definiti fil-punt 20 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/817 u fil-punt 20 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/818 jistgħu jniedu dawn it-tfittxijiet simultanji.	***imħassar***

Or. en

Emenda 138

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-tfittxijiet simultanji tal-bażijiet ta' data tal-Istati Membri u tad-data tal-Europol u r-Repożitorju Komuni ta' informazzjoni dwar l-Identità jistgħu jitnedew biss ***f'każijiet fejn x'aktarx*** li d-data dwar persuna suspettata, awtur jew vittma ta' reat ***terroristiku*** jew ***reati kriminali serji oħrajn kif definit rispettivament fil-punti 21 u 22 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-punti 21 u 22 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/818*** huma maħżuna fir-Repożitorju Komuni ta' informazzjoni dwar l-Identità.	It-tfittxijiet simultanji tal-bażijiet ta' data tal-Istati Membri u tad-data tal-Europol u r-Repożitorju Komuni ta' informazzjoni dwar l-Identità jistgħu jitnedew biss ***meta jkun hemm motivi raġonevoli biex wieħed jemmen*** li d-data dwar persuna suspettata, awtur jew vittma ta' reat ***serju*** jew ***ta' terroriżmu*** huma maħżuna fir-Repożitorju Komuni ta' informazzjoni dwar l-Identità.

Or. en

Emenda 139

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jżomm reġistri tat-tfittxijiet li ***jagħmlu l-awtoritajiet*** kompetenti tiegħu ***u l-persunal ta' dawk l-awtoritajiet*** debitament ***awtorizzati*** li ***jużaw ir-router***, kif ukoll reġistri tat-tfittxijiet rikjesti minn Stati Membri oħrajn.	2. Kull Stat Membru għandu jżomm reġistri tat-tfittxijiet li ***jagħmel il-persunal tal-awtoritajiet*** kompetenti tiegħu ***tal-infurzar tal-liġi li huwa*** debitament ***awtorizzat*** li ***juża r-router***, kif ukoll reġistri tat-tfittxijiet rikjesti minn Stati Membri oħrajn.

Or. en

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk ir-reġistrazzjonijiet għandhom ikunu protetti permezz ta' miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jitħassru ***sena*** wara li jinħolqu. Jekk madanakollu, jkunu rikjesti għal proċeduri ta' monitoraġġ li jkunu diġà bdew, għandhom jitħassru ladarba l-proċeduri ta' monitoraġġ ma jkunux għadhom jirrikjedu r-reġistri.	Dawk ir-reġistrazzjonijiet għandhom ikunu protetti permezz ta' miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jitħassru ***sentejn*** wara li jinħolqu. Jekk madanakollu, jkunu rikjesti għal proċeduri ta' monitoraġġ li jkunu diġà bdew, għandhom jitħassru ladarba l-proċeduri ta' monitoraġġ ma jkunux għadhom jirrikjedu r-reġistri.

Or. en

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jkun teknikament impossibbli li jintuża r-router sabiex issir tfittxija f'bażi ta' data nazzjonali waħda jew diversi bażijiet ta' data jew id-data tal-Europol minħabba ħsara fir-router, ***l-utenti tar-router*** għandhom jiġu nnotifikati b'mod	1. Meta jkun teknikament impossibbli li jintuża r-router sabiex issir tfittxija f'bażi ta' data nazzjonali waħda jew diversi bażijiet ta' data jew id-data tal-Europol minħabba ħsara fir-router, ***l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi msemmija***

awtomatizzat mill-eu-LISA. L-eu-LISA għandha tieħu miżuri sabiex tindirizza l-impossibbiltà teknika li r-router jintuża mingħajr dewmien.

fl-Artikolu 36 u l-Europol għandhom jiġu nnotifikati b'mod awtomatizzat mill-eu-LISA. L-eu-LISA għandha tieħu miżuri sabiex tindirizza l-impossibbiltà teknika li r-router jintuża mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 142

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun teknikament impossibbli li jintuża r-router sabiex issir tfittxija f'bażi ta' data nazzjonali waħda jew diversi bażijiet ta' data ***jew id-data tal-Europol***, minħabba ħsara fl-infrastruttura nazzjonali fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn, lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni b'mod awtomatizzat. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu*** miżuri sabiex jindirizzaw l-impossibbiltà teknika li r-router jintuża mingħajr dewmien.	2. Meta jkun teknikament impossibbli li jintuża r-router sabiex issir tfittxija f'bażi ta' data nazzjonali waħda jew diversi bażijiet ta' data, minħabba ħsara fl-infrastruttura nazzjonali fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn, ***lill-Europol,*** lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni b'mod awtomatizzat. ***L-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu*** miżuri ***adegwati*** sabiex jindirizzaw l-impossibbiltà teknika li r-router jintuża mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 143

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta jkun teknikament impossibbli li jintuża r-router sabiex issir tfittxija ***f'bażi ta' data nazzjonali waħda jew diversi bażijiet ta' data jew*** fid-data tal-Europol minħabba ħsara fl-infrastruttura tal-Europol, il-Europol għandha tinnotifika lill-Istati Membri, lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni b'mod awtomatizzat. Il-	3. Meta jkun teknikament impossibbli li jintuża r-router sabiex issir tfittxija fid-data tal-Europol minħabba ħsara fl-infrastruttura tal-Europol, il-Europol għandha tinnotifika lill-Istati Membri, lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni b'mod awtomatizzat. Il-Europol għandha tieħu miżuri ***adegwati*** sabiex tindirizza l-

Europol għandha tieħu miżuri sabiex tindirizza l-impossibbiltà teknika li r-router jintuża mingħajr dewmien.	impossibbiltà teknika li r-router jintuża mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 144

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għat-tfittxija awtomatizzata tar-rekords tal-pulizija msemmija fl-Artikolu 26, l-Istati Membri u l-Europol għandhom jużaw is-Sistema ta' Indiċi Ewropea tar-Rekords tal-Pulizija (EPRIS).	1. Għat-tfittxija awtomatizzata ***tal-indiċijiet*** tar-rekords tal-pulizija ***nazzjonali*** msemmija fl-Artikolu 26, l-Istati Membri u l-Europol għandhom jużaw is-Sistema ta' Indiċi Ewropea tar-Rekords tal-Pulizija (EPRIS).

Or. en

Emenda 145

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet tat-tfittxija tar-rekords tal-pulizija ***permezz*** tal-EPRIS, għandhom jintużaw ***is-settijiet*** ta' data li ġejjin:	1. Għall-finijiet tat-tfittxija ***tal-indiċijiet*** tar-rekords tal-pulizija ***nazzjonalipermezz*** tal-EPRIS, għandhom jintużaw ***mill-inqas tnejn mis-settijiet*** ta' data li ġejjin:

Or. en

Emenda 146

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-psewdonimu/i;	(a) il-psewdonimu/i ***u l-isem/ismijiet użat(i) qabel***;

Or. en

Emenda 147

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-EPRIS għandha tibgħat it-talba għal tfittxija ***lill-bażijiet ta' data tal-Istati Membri*** bid-data preżentata mill-Istat Membru rikjedenti u f'konformità ma' dan ir-Regolament.	L-EPRIS għandha tibgħat it-talba għal tfittxija ***lill-indiċijiet tar-rekords tal-pulizija nazzjonali*** bid-data preżentata mill-Istat Membru rikjedenti ***jew l-Europol*** u f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 148

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Kwalunkwe konkordanza li tirriżulta mit-tfittxija ***fil-bażi ta' data*** ta' kull Stat Membru għandha tintbagħat lura b'mod awtomatizzat lill-EPRIS.	3. Kwalunkwe konkordanza li tirriżulta mit-tfittxija ***fl-indiċi tar-rekords tal-pulizija*** ta' kull Stat Membru ***rikjest*** għandha tintbagħat lura b'mod awtomatizzat lill-EPRIS.

Or. en

Emenda 149

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-lista ta' konkordanzi għandha tiġi rritornata lill-Istat Membru rikjedenti mill-EPRIS. Il-lista ta' konkordanzi għandha tindika l-kwalità ***tal-konkordanza*** kif ukoll l-Istat Membru li ***l-bażi*** ta' data ***tiegħu fiha d-data*** li rriżultat ***fil-konkordanza***.	4. Il-lista ta' konkordanzi għandha tiġi rritornata lill-Istat Membru rikjedenti ***u lill-Europol*** mill-EPRIS. Il-lista ta' konkordanzi għandha tindika l-kwalità ***tal-konkordanzi*** kif ukoll l-Istat Membru ***jew l-Istati Membri*** li ***l-bażijiet*** ta' data ***tagħhom fihom id-data*** li rriżultat ***fil-konkordanzi***.

Or. en

Emenda 150

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mal-konferma, l-Istati Membri rikjesti għandhom jikkondividu d-data msemmija fl-Artikolu 43 fejn disponibbli. Dan l-iskambju ta' ***informazzjoni*** għandu jsir permezz ta' SIENA.	Mal-konferma, ***l-Istat Membru rikjest jew*** l-Istati Membri rikjesti għandhom jikkondividu d-data msemmija fl-Artikolu 43 fejn disponibbli. Dan l-iskambju ta' ***data*** għandu jsir permezz ta' SIENA.

Or. en

Emenda 151

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-proċedura teknika għall-EPRIS għat-tfittxija fil-bażijiet ta' data tal-Istati Membri u l-format tat-tweġibiet. ***Dawn l-atti*** ta' implimentazzjoni ***għandhom jiġu adottati*** f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).	7. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***att*** ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-proċedura teknika għall-EPRIS għat-tfittxija fil-bażijiet ta' data tal-Istati Membri u l-format tat-tweġibiet. ***Dak l-att*** ta' implimentazzjoni ***għandu jiġi adottat*** f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).

Or. en

Emenda 152

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jżomm reġistri tat-talbiet għal tfittxijiet li ***jagħmlu l-awtoritajiet kompetenti tiegħu u l-persunal ta' dawk l-awtoritajiet*** debitament awtorizzati li jużaw l-EPRIS. Il-Europol għandha żżomm reġistri tat-talbiet għal tfittxijiet li jagħmel il-persunal debitament awtorizzat tagħha.	2. Kull Stat Membru ***parteċipanti*** għandu jżomm reġistri tat-talbiet għal tfittxijiet li ***jagħmel il-personal tal-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tiegħu*** debitament awtorizzati li jużaw l-EPRIS. Il-Europol għandha żżomm reġistri tat-talbiet għal tfittxijiet li jagħmel il-persunal debitament awtorizzat tagħha.

Or. en

Emenda 153

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk ir-reġistrazzjonijiet għandhom ikunu protetti permezz ta' miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jitħassru ***sena*** wara li jinħolqu.	Dawk ir-reġistrazzjonijiet għandhom ikunu protetti permezz ta' miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jitħassru ***sentejn*** wara li jinħolqu.

Or. en

Emenda 154

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jkun teknikament impossibbli li jintuża l-EPRIS sabiex issir tfittxija ***f'bażi ta' data*** nazzjonali waħda jew	1. Meta jkun teknikament impossibbli li jintuża l-EPRIS sabiex issir tfittxija ***f'indiċi tar-rekords tal-pulizija*** nazzjonali

diversi ***bażijiet ta' data nazzjonali*** minħabba ħsara fl-infrastruttura tal-Europol, l-Istati Membri għandhom jiġu nnotifikati b'mod awtomatizzat mill-Europol. Il-Europol għandha tieħu miżuri sabiex tindirizza l-impossibbiltà teknika li jintuża l-EPRIS mingħajr dewmien.	waħda jew diversi ***indiċijiet bħal dawn*** minħabba ħsara fl-infrastruttura tal-Europol, l-Istati Membri għandhom jiġu nnotifikati b'mod awtomatizzat mill-Europol. Il-Europol għandha tieħu miżuri sabiex tindirizza l-impossibbiltà teknika li jintuża l-EPRIS mingħajr dewmien.
	Or. en

Emenda 155

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun teknikament impossibbli li ***jintuża*** l-EPRIS sabiex issir tfittxija ***f'bażi ta' data*** nazzjonali waħda jew diversi ***bażijiet ta' data*** minħabba ħsara fl-infrastruttura nazzjonali fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Europol u lill-Kummissjoni b'mod awtomatizzat. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri mingħajr dewmien sabiex jindirizzaw l-impossibbiltà teknika li jintuża l-EPRIS.	2. Meta jkun teknikament impossibbli li ***tintuża*** l-EPRIS sabiex issir tfittxija ***fl-indiċi tar-rekords tal-pulizija*** nazzjonali waħda jew diversi ***indiċijiet bħal dawn*** minħabba ħsara fl-infrastruttura nazzjonali fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jinnotifika ***Stati Membri parteċipanti oħra,*** lill-Europol u lill-Kummissjoni b'mod awtomatizzat. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri mingħajr dewmien sabiex jindirizzaw l-impossibbiltà teknika li jintuża l-EPRIS.
	Or. en

Emenda 156

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-proċeduri msemmija ***fl-Artikoli*** 6, 7, 13 jew 22 juru konkordanza bejn id-data użata għat-tfittxija jew għat-tqabbil u d-data miżmuma fil-bażi ta' data tal-Istati Membri rikjesti, u mal-konferma ta' din il-konkordanza mill-Istat Membru rikjedenti,	***1.*** Meta l-proċeduri msemmija ***fl-Artikolu*** 6, 7, 13 jew 22 juru konkordanza bejn id-data użata għat-tfittxija jew għat-tqabbil u d-data miżmuma fil-bażi ta' data tal-Istati Membri rikjesti, u mal-konferma ***manwali*** ta' din il-konkordanza mill-Istat

l-Istat Membru rikjest għandu jirritorna sett ta' data ewlenija permezz tar-router fi żmien 24 siegħa. ***Dak is-sett ta' data ewlenija, jekk disponibbli, għandu jkun fih id-data li ġejja:***	Membru rikjedenti, l-Istat Membru rikjest għandu jirritorna sett ta' data ewlenija permezz tar-router fi żmien 24 siegħa. ***Meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ġudizzjarja skont il-liġi nazzjonali, id-data ewlenija għandha tiġi rritornata fi żmien 72 siegħa.***
(a) isem/ismijiet;	
(b) kunjom(ijiet);	
(c) id-data tat-twelid;	
(d) in-nazzjonalità jew nazzjonalitajiet;	
(e) il-post u l-pajjiż tat-twelid;	
(f) is-sess tal-persuna.	

Or. en

Emenda 157

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta l-konkordanza kkonfermata tikkonċerna data identifikata ta' persuna, dak is-sett ta' data ewlenija, jekk disponibbli, għandu jkun fih id-data li ġejja:
	(a) l-isem/ismijiet;
	(b) il-kunjom(ijiet);
	(c) il-psewdonimu/i u l-isem/ismijiet użat(i) qabel;
	(d) id-data tat-twelid;
	(e) in-nazzjonalità jew in-nazzjonalitajiet;
	(f) il-post u l-pajjiż tat-twelid;
	(g) il-ġeneru;
	(h) id-data u l-post fejn inkisbet id-data bijometrika;

(i) ir-reat kriminali li għalih inkisbet id-data bijometrika;

(j) in-numru tal-kawża kriminali;

(k) l-awtorità kompetenti tal-infurzar tal-liġi responsabbli għall-kawża kriminali.

Or. en

Emenda 158

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Meta l-konkordanza kkonfermata tikkonċerna data jew traċċi mhux identifikati, dak is-sett ta' data ewlenija, jekk disponibbli, għandu jkun fih id-data li ġejja:
	(a) id-data u l-post fejn inkisbet id-data bijometrika;
	(b) ir-reat kriminali li għalih inkisbet id-data bijometrika;
	(c) in-numru tal-kawża kriminali;
	(d) l-awtorità kompetenti tal-infurzar tal-liġi responsabbli għall-kawża kriminali.

Or. en

Emenda 159

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Ir-rilaxx ta' data ewlenija mill-Istat Membru rikjest ma għandux isir b'mod awtomatizzat iżda jkun soġġett għad-deċiżjoni ta' bniedem, kif meħtieġ

mill-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

Or. en

Emenda 160

Proposta għal regolament
Artikolu 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 48	***imħassar***
Użu ta' SIENA	
Kwalunkwe skambju li ma jkunx previst b'mod espliċitu f'dan ir-Regolament bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew mal-Europol, fi kwalunkwe stadju ta' waħda mill-proċeduri skont dan ir-Regolament, għandu jsir permezz ta' SIENA.	

Or. en

Emenda 161

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794, għandu jkollhom aċċess għal, u jkunu jistgħu jfittxu permezz tar-router, data bijometrika li tkun ġiet ipprovduta lill-Europol minn pajjiżi terzi għall-finijiet tal-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2016/794.	1. ***Bla preġudizzju għal kwalunkwe restrizzjoni indicata mill-fornitur tal-informazzji lill-Europol b'mod konformi mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2016/794,*** l-Istati Membri, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794, għandu jkollhom aċċess għal, u jkunu jistgħu jfittxu permezz tar-router, data bijometrika li tkun ġiet ipprovduta lill-Europol minn ***awtoritajiet ta'*** pajjiżi terzi għall-finijiet tal-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2016/794.

Or. en

Emenda 162

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta ***din il-proċedura*** tirriżulta f'konkordanza bejn id-data użata għat-tfittxija u d-data tal-Europol, is-segwitu għandu jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794.	2. Meta ***t-tfittxija*** tirriżulta f'konkordanza bejn id-data użata għat-tfittxija u d-data tal-Europol ***li ġejja minn pajjiż terz***, is-segwitu għandu jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794.

Or. en

Emenda 163

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Europol, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794, għandu jkollu aċċess għad-data**,** li hija maħżuna mill-Istati Membri fil-bażijiet ta' data nazzjonali tagħhom f'konformità ma' dan ir-Regolament.	1. ***Fejn meħtieġ biex tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq il-kompiti tagħha,*** il-Europol, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794, għandu jkollu aċċess**,** ***għall-finijiet tal-Artikolu 18(2), il-punti (a) u (c)***, ***tar-Regolament (UE) 2016/794,*** għad-data li hija maħżuna mill-Istati Membri fil-bażijiet ta' data nazzjonali tagħhom ***u fl-indiċijiet tar-rekords tal-pulizija*** f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 164

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-tfittxijiet tal-Europol imwettqa bid-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi bħala kriterju ta' tfittxija għandhom jitwettqu bl-użu tal-Eucaris.	3. It-tfittxijiet tal-Europol imwettqa bid-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi ***kif imsemmija fl-Artikolu 18*** bħala kriterju ta' tfittxija għandhom jitwettqu bl-użu tal-Eucaris.

Or. en

Emenda 165

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. It-tfittxijiet tal-Europol imwettqa ***bir-rekords tal-pulizija*** bħala kriterju ta' tfittxija għandhom jitwettqu bl-użu tal-EPRIS.	4. It-tfittxijiet tal-Europol imwettqa ***bid-data bijografika tal-persuni suspettati u kkundannati kif imsemmija fl-Artikoli 25 u 26,*** bħala kriterju ta' tfittxija għandhom jitwettqu bl-użu tal-EPRIS.

Or. en

Emenda 166

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Europol għandha twettaq it-tfittxijiet f'konformità mal-paragrafu 1 biss meta twettaq il-kompiti tagħha msemmija fir-Regolament (UE) 2016/794.	***imħassar***

Or. en

Emenda 167

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta l-proċeduri msemmija ***fl-Artikoli*** 6, 7, 13 jew 22 juru konkordanza bejn id-data użata għat-tfittxija jew għat-tqabbil u d-data miżmuma fil-bażi ta' data nazzjonali tal-Istat Membru rikjest, u mal-konferma ta' dik il-konkordanza mill-Europol, l-Istat Membru rikjest għandu jiddeċiedi jekk jirritornax sett ta' data ewlenija permezz tar-router fi żmien 24 siegħa. Dak is-sett ta' data ewlenija, jekk disponibbli, għandu jkun fih id-data li ġejja:	6. Meta l-proċeduri msemmija ***fl-Artikolu*** 6, 7, 13 jew 22 juru konkordanza bejn id-data użata għat-tfittxija jew għat-tqabbil u d-data miżmuma fil-bażi ta' data nazzjonali tal-Istat Membru rikjest, u mal-konferma ***manwali*** ta' dik il-konkordanza mill-Europol, l-Istat Membru rikjest għandu jiddeċiedi jekk jirritornax sett ta' data ewlenija permezz tar-router fi żmien 24 ***siegħa. Meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ġudizzjarja skont il-liġi nazzjonali, id-data ewlenija għandha tiġi rritornata fi żmien 72 siegħa.*** Dak is-sett ta' data ewlenija, jekk disponibbli, għandu jkun fih id-data li ġejja:

Or. en

Emenda 168

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-użu mill-Europol ta' informazzjoni miksuba minn tfittxija magħmula f'konformità mal-paragrafu 1 u mill-iskambju ta' data ewlenija f'konformità mal-paragrafu 6 għandu jkun soġġett għall-kunsens tal-Istat Membru li ***għandu l-bażi*** ta' data ***li fih*** tkun seħħet il-konkordanza. Jekk l-Istat Membru jippermetti l-użu ta' tali informazzjoni, it-trattament tagħha mill-Europol għandu jkun regolat bir-Regolament (UE) 2016/794.	7. L-użu mill-Europol ta' informazzjoni miksuba minn tfittxija magħmula f'konformità mal-paragrafu 1 u mill-iskambju ta' data ewlenija f'konformità mal-paragrafu 6 għandu jkun soġġett għall-kunsens tal-Istat Membru li ***fil-bażi*** ta' data ***tiegħu*** tkun seħħet il-konkordanza. Jekk l-Istat Membru jippermetti l-użu ta' tali informazzjoni, it-trattament tagħha mill-Europol għandu jkun regolat bir-Regolament (UE) 2016/794.

Or. en

Emenda 169

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-iskop tad-data	L-iskop ***tal-ipproċessar*** tad-data

Or. en

Emenda 170

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ipproċessar ta' data personali mill-Istat Membru rikjedenti jew mill-Europol għandu jkun permess biss għall-għanijiet li għalihom id-data ġiet fornuta mill-Istat Membru rikjest ***f'konformità ma' dan ir-Regolament***. L-ipproċessar għal skopijiet oħrajn għandu jkun permess biss bl-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Istat Membru rikjest.	1. L-ipproċessar ta' data personali ***riċevuta*** mill-Istat Membru rikjedenti jew mill-Europol għandu jkun permess biss għall-għanijiet li għalihom id-data ġiet fornuta mill-Istat Membru rikjest. L-ipproċessar għal skopijiet oħrajn għandu jkun permess biss bl-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Istat Membru rikjest ***jew il-Europol, skont il-każ***.

Or. en

Emenda 171

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ipproċessar ta' data fornuta skont l-Artikoli 6, 7, 13, 18 jew ***22*** mill-Istat Membru ***li jfittex*** jew ***iqabbel*** għandu jkun permess biss sabiex:	2. L-ipproċessar ta' data fornuta skont l-Artikoli 6, 7, 13, 18***, 22*** jew ***26*** mill-Istat Membru ***rikjedenti*** jew ***il-Europol*** għandu jkun permess biss ***fejn neċessarju*** sabiex:

Or. en

Emenda 172

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-iskambju ta' sett ta' data ewlenija f'konformità mal-Artikolu 47;

Or. en

Emenda 173

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) iħejji u jissottometti talba tal-pulizija għal assistenza legali jekk dik id-data tkun taqbel;	(b) iħejji u jissottometti talba tal-pulizija ***jew talba ġudizzjarja*** għal assistenza legali jekk dik id-data tkun taqbel;

Or. en

Emenda 174

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) issir reġistrazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 40 u 45.	(c) issir reġistrazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli ***20,*** 40 u 45.

Or. en

Emenda 175

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-Istat*** Membru rikjedenti ***jista' jipproċessa d-data fornuta lilu f'konformità mal-Artikoli 6, 7, 13*** jew ***22 biss fejn dan ikun meħtieġ għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Id-data fornuta*** għandha titħassar immedjatament wara t-tqabbil tad-data jew it-tweġibiet awtomatizzati għat-tfittxija sakemm ma jkunx meħtieġ aktar ipproċessar mill-Istat Membru rikjedenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali.	3. ***Id-data personali riċevuta mill-Istat*** Membru rikjedenti jew ***il-Europol*** għandha titħassar immedjatament wara t-tqabbil tad-data jew it-tweġibiet awtomatizzati għat-tfittxija sakemm ma jkunx meħtieġ aktar ipproċessar mill-Istat Membru rikjedenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali.

Or. en

Emenda 176

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-preċiżjoni u r-rilevanza attwali tad-data personali. Jekk Stat Membru rikjest ***isir konxju*** li ġiet ipprovduta data mhux korretta jew data li ma kellhiex tiġi pprovduta, dan għandu jiġi nnotifikat mingħajr dewmien lil kwalunkwe Stat Membru rikjedenti. Kull Stat Membru rikjedenti kkonċernat għandu jkun obbligat jikkoreġi jew iħassar id-data kif xieraq. Barra minn dan, data personali fornuta għandha tiġi korretta jekk tinsab li mhijiex korretta. Jekk l-Istat Membru rikjedenti ***jkollu*** raġuni sabiex ***jemmen*** li d-data provduta ma hijiex korretta jew jenħtieġ li titħassar, l-Istat Membru rikjest għandu jiġi informat.	1. L-Istati Membri ***u l-Europol*** għandhom jiżguraw il-preċiżjoni u r-rilevanza attwali tad-data personali ***li hija pproċessata skont dan ir-Regolament***. Jekk Stat Membru rikjest ***jew il-Europol isiru konxji*** li ġiet ipprovduta data mhux korretta jew data li ma kellhiex tiġi pprovduta, dan għandu jiġi nnotifikat mingħajr dewmien lil kwalunkwe Stat Membru rikjedenti. Kull Stat Membru rikjedenti kkonċernat għandu jkun obbligat jikkoreġi jew iħassar id-data kif xieraq ***mingħajr dewmien żejjed***. Barra minn dan, data personali fornuta għandha tiġi korretta jekk tinsab li mhijiex korretta. Jekk l-Istat Membru rikjedenti ***jew il-Europol ikollom*** raġuni sabiex ***jemmnu*** li d-data provduta ma hijiex korretta jew jenħtieġ li titħassar, l-Istat Membru rikjest għandu jiġi informat.

Or. en

Emenda 177

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta suġġett tad-data jikkontesta l-preċiżjoni tad-data fil-pussess ta' Stat Membru, meta l-preċiżjoni ma tistax tiġi stabbilita b'mod affidabbli mill-Istat Membru kkonċernat u meta tintalab mis-suġġett tad-data, id-data kkonċernata għandha tiġi mmarkata. Fejn teżisti tali marka, l-Istati Membri jistgħu jħassruha biss bil-permess tas-suġġett tad-data jew abbażi ta' deċiżjoni tal-qorti kompetenti jew tal-awtorità ***indipendenti tal-protezzjoni*** tad-data.	2. Meta suġġett tad-data jikkontesta l-preċiżjoni tad-data fil-pussess ta' Stat Membru ***jew il-Europol***, meta l-preċiżjoni ma tistax tiġi stabbilita b'mod affidabbli mill-Istat Membru kkonċernat ***jew il-Europol*** u meta tintalab mis-suġġett tad-data, id-data kkonċernata għandha tiġi mmarkata. Fejn teżisti tali marka, l-Istati Membri ***jew il-Europol*** jistgħu jħassruha biss bil-permess tas-suġġett tad-data jew abbażi ta' deċiżjoni tal-qorti kompetenti jew tal-awtorità ***superviżorja nazzjonali jew il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni*** tad-Data***, skont il-każ***.

Or. en

Emenda 178

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) wara l-iskadenza tal-perjodu massimu għaż-żamma tad-data stabbilit skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjest fejn l-Istat Membru rikjest ikun informa l-Istat Membru rikjedenti b'dak il-perjodu massimu fil-mument tal-forniment tad-data.	(b) wara l-iskadenza tal-perjodu massimu għaż-żamma tad-data stabbilit skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjest fejn l-Istat Membru rikjest ***jew il-Europol*** ikunu informaw l-Istat Membru rikjedenti b'dak il-perjodu massimu fil-mument tal-forniment tad-data.

Or. en

Emenda 179

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) wara l-iskadenza tal-perjodu massimu għaż-żamma tad-data stabbilit fir-Regolament (UE) 2016/794.

Or. en

Emenda 180

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ma hemmx raġuni sabiex wieħed jemmen li t-tħassir tad-data jippreġudika l-interessi tas-suġġett tad-data, id-data għandha ***tiġi mblukkata*** minflok ***imħassra***. Id-data ***bblukkata tista' tiġi fornuta jew użata*** biss għall-għan li jipprevjeni t-tħassir tagħha.	Fejn ma hemmx raġuni sabiex wieħed jemmen li t-tħassir tad-data jippreġudika l-interessi tas-suġġett tad-data, id-data għandha ***tkun is-suġġett ta' restrizzjoni*** minflok ***li tiġi mħassra***. Id-data ***suġġetta għal restrizzjoni għandha tiġi pproċessata*** biss għall-għan li jipprevjeni t-tħassir tagħha.

Or. en

Emenda 181

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom ikunu l-proċessuri għall-ipproċessar ta' data personali permezz tal-Eucaris.

Or. en

Emenda 182

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Europol, l-eu-LISA u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà tal-ipproċessar tad-data personali li jseħħ skont dan ir-Regolament. Il-Europol, l-eu-LISA u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw fuq il-kompiti relatati mas-sigurtà.	1. Il-Europol, l-eu-LISA u l-awtoritajiet ***kompetenti tal-infurzar tal-liġi*** tal-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà tal-ipproċessar tad-data personali li jseħħ skont dan ir-Regolament. Il-Europol, l-eu-LISA u l-awtoritajiet ***kompetenti tal-infurzar tal-liġi*** tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw fuq il-kompiti relatati mas-sigurtà.

Or. en

Emenda 183

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu ***33*** tar-Regolament (UE) 2018/1725 u l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2016/794, l-eu-LISA u l-Europol għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw is-sigurtà tar-router u l-EPRIS rispettivament kif ukoll l-infrastruttura ta' komunikazzjoni relatata tagħhom.	2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu ***91*** tar-Regolament (UE) 2018/1725 u l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2016/794, l-eu-LISA u l-Europol għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw is-sigurtà tar-router u l-EPRIS rispettivament kif ukoll l-infrastruttura ta' komunikazzjoni relatata tagħhom.

Or. en

Emenda 184

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2016/794, il-Europol għandha tinnotifika lil CERT-UE dwar theddid ċibernetiku sinifikanti, vulnerabbiltajiet sinifikanti u inċidenti sinifikanti mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 24 siegħa wara li ssir taf bihom. Id-dettalji tekniċi azzjonabbli u xierqa tat-theddid ċibernetiku, tal-vulnerabbiltajiet ċibernetiċi u tal-inċidenti ċibernetiċi li jippermettu detezzjoni proattiva, ir-rispons għall-inċident jew il-miżuri ta' mitigazzjoni għandhom jiġu divulgati lil CERT-UE mingħajr dewmien żejjed.	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2016/794 ***u l-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) 2018/1725***, il-Europol għandha tinnotifika lil CERT-UE dwar theddid ċibernetiku sinifikanti, vulnerabbiltajiet sinifikanti u inċidenti sinifikanti mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 24 siegħa wara li ssir taf bihom. Id-dettalji tekniċi azzjonabbli u xierqa tat-theddid ċibernetiku, tal-vulnerabbiltajiet ċibernetiċi u tal-inċidenti ċibernetiċi li jippermettu detezzjoni proattiva, ir-rispons għall-inċident jew il-miżuri ta' mitigazzjoni għandhom jiġu divulgati lil CERT-UE mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 185

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' inċident ta' sigurtà fir-rigward tal-infrastruttura ċentrali tar-router, l-eu-LISA għandha tinnotifika lil CERT-UE dwar theddid ċibernetiku sinifikanti, vulnerabbiltajiet sinifikanti u inċidenti sinifikanti mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 24 siegħa wara li ssir taf bihom. Id-dettalji tekniċi azzjonabbli u xierqa tat-theddid ċibernetiku, tal-vulnerabbiltajiet ċibernetiċi u tal-inċidenti ċibernetiċi li jippermettu detezzjoni proattiva, ir-rispons għall-inċident jew il-miżuri ta' mitigazzjoni għandhom jiġu divulgati lil CERT-UE mingħajr dewmien żejjed.	Fil-każ ta' inċident ta' sigurtà fir-rigward tal-infrastruttura ċentrali tar-router ***u mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 34 u 92 tar-Regolament (UE) 2018/1725*** , l-eu-LISA għandha tinnotifika lil CERT-UE dwar theddid ċibernetiku sinifikanti, vulnerabbiltajiet sinifikanti u inċidenti sinifikanti mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 24 siegħa wara li ssir taf bihom. Id-dettalji tekniċi azzjonabbli u xierqa tat-theddid ċibernetiku, tal-vulnerabbiltajiet ċibernetiċi u tal-inċidenti ċibernetiċi li jippermettu detezzjoni proattiva, ir-rispons għall-inċident jew il-miżuri ta' mitigazzjoni għandhom jiġu divulgati lil CERT-UE mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 186

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni*** għandhom jiżguraw li kull awtorità intitolata għall-użu ta' Prüm II tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex timmonitorja l-konformità tagħha ma' dan ir-Regolament u tikkoopera, fejn meħtieġ, mal-awtorità superviżorja.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull awtorità intitolata għall-użu ta' Prüm II tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex timmonitorja l-konformità tagħha ma' dan ir-Regolament u tikkoopera, fejn meħtieġ, mal-awtorità superviżorja.

Or. en

Emenda 187

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Europol għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex timmonitorja l-konformità tagħha ma' dan ir-Regolament u għandha tikkoopera, fejn meħtieġ, mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Or. en

Emenda 188

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kontrolluri tad-data għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jimmonitorjaw il-konformità tal-	2. Il-kontrolluri tad-data għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jimmonitorjaw il-konformità tal-

ipproċessar tad-data skont dan ir-Regolament, inkluż permezz ta' verifika frekwenti tar-reġistri msemmija fl-Artikoli 40 u 45, u jikkooperaw, fejn meħtieġ, mal-awtoritajiet superviżorji u mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.	ipproċessar tad-data skont dan ir-Regolament, inkluż permezz ta' verifika frekwenti tar-reġistri msemmija fl-Artikoli ***20,*** 40 u 45, u jikkooperaw, fejn meħtieġ ***u kif xieraq***, mal-awtoritajiet superviżorji u mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Or. en

Emenda 189

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet superviżorji u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom, filwaqt li kull wieħed minnhom jaġixxi fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tiegħu, jikkooperaw b'mod attiv fil-qafas tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom ***u*** jiżguraw ***superviżjoni*** koordinata tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari jekk il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jew awtorità superviżorja jsibu diskrepanzi kbar bejn prattiki tal-Istati Membri jew isibu trasferimenti potenzjalment illegali fl-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni ta' Prüm II.	1. L-awtoritajiet superviżorji u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom, filwaqt li kull wieħed minnhom jaġixxi fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tiegħu, jikkooperaw b'mod attiv fil-qafas tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom ***biex*** jiżguraw ***is-superviżjoni*** koordinata tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari jekk il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jew awtorità superviżorja jsibu diskrepanzi kbar bejn prattiki tal-Istati Membri jew isibu trasferimenti potenzjalment illegali fl-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni ta' Prüm II.

Or. en

Emenda 190

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Komunikazzjoni ta' data personali lil pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali	***Trasferiment*** ta' data personali lil pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali

Or. en

Emenda 191

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-data proċessata f'konformità ma' dan ir-Regolament ***ma għandhiex tiġi ttrasferita*** jew ***issir disponibbli għal pajjiżi terzi jew għal organizzazzjonijiet internazzjonali b'mod awtomatizzat***.	***1. Stat Membru rikjedenti għandu jittrasferixxi kwalunkwe data li jkun kiseb*** f'konformità ma' dan ir-Regolament ***lil pajjiż terz*** jew ***organizzazzjoni internazzjonali biss f'konformità mal-Kapitolu V tad-Direttiva (UE) 2016/680 u fejn l-Istat Membru rikjest ikun ta l-awtorizzazzjoni tiegħu qabel it-trasferiment***.

Or. en

Emenda 192

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Europol għandha tittrasferixxi kwalunkwe data li tkun kisbet f'konformità ma' dan ir-Regolament lil pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali biss meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/794 ikunu ssodisfati u l-Istat Membru rikjest ikun ta l-awtorizzazzjoni tiegħu qabel it-trasferiment.

Or. en

Emenda 193

Proposta għal regolament
Artikolu 63 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-ġestjoni tal-aċċess u l-arranġamenti għall-aċċess għall-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għar-router f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-ħolqien u l-aġġornament regolari ta' lista ta' dawk il-membri tal-persunal u l-profili tagħhom;	(g) il-ġestjoni tal-aċċess u l-arranġamenti għall-aċċess għall-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***tal-infurzar tal-liġi*** għar-router f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-ħolqien u l-aġġornament regolari ta' lista ta' dawk il-membri tal-persunal u l-profili tagħhom;

Or. en

Emenda 194

Proposta għal regolament
Artikolu 63 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) il-ġestjoni tal-aċċess u l-arranġamenti għall-aċċess għall-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-EPRIS f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-ħolqien u l-aġġornament regolari ta' lista ta' dawk il-membri tal-persunal u l-profili tagħhom;	(h) il-ġestjoni tal-aċċess u l-arranġamenti għall-aċċess għall-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***tal-infurzar tal-liġi*** għall-EPRIS f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-ħolqien u l-aġġornament regolari ta' lista ta' dawk il-membri tal-persunal u l-profili tagħhom;

Or. en

Emenda 195

Proposta għal regolament
Artikolu 63 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-ġestjoni tal-aċċess u l-arranġamenti għall-aċċess għall-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-Eucaris f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-ħolqien u l-aġġornament regolari ta' lista ta'	(i) il-ġestjoni tal-aċċess u l-arranġamenti għall-aċċess għall-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***tal-infurzar tal-liġi*** għall-Eucaris f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-ħolqien u l-aġġornament

dawk il-membri tal-persunal u l-profili tagħhom;	regolari ta' lista ta' dawk il-membri tal-persunal u l-profili tagħhom;

Or. en

Emenda 196

Proposta għal regolament
Artikolu 63 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) it-tħassir ta' kwalunkwe data riċevuta minn Stat Membru rikjest fi żmien 48 siegħa wara n-notifika mill-Istat Membru rikjest li d-data personali sottomessa ma kinitx korretta, ma għadhiex aġġornata jew ġiet trażmessa b'mod illegali.	(m) ***il-korrezzjoni jew*** it-tħassir ta' kwalunkwe data riċevuta minn Stat Membru rikjest fi żmien 48 siegħa wara n-notifika mill-Istat Membru rikjest li d-data personali sottomessa ma kinitx korretta, ma għadhiex aġġornata jew ġiet trażmessa b'mod illegali.

Or. en

Emenda 197

Proposta għal regolament
Artikolu 63 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-konnessjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***tagħhom*** mar-router, mal-EPRIS u mal-Eucaris.	2. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-konnessjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***tal-infurzar tal-liġi tiegħu*** mar-router, mal-EPRIS u mal-Eucaris.

Or. en

Emenda 198

Proposta għal regolament
Artikolu 64 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Europol ***għandha tkun responsabbli għal kwalunkwe adattament tekniku fl-infrastruttura tal-Europol meħtieġ sabiex tiġi stabbilita l-konnessjoni mar-router u mal-Eucaris***.	3. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 26(6c) tar-Regolament (UE) 2016/794 u t-tfittxijiet tal-Europol skont l-Artikolu 50(4) ta' dan ir-Regolament,*** il-Europol ***ma għandu jkollha aċċess għall-ebda data personali pproċessata permezz tal-EPRIS***.

Or. en

Emenda 199

Proposta għal regolament
Artikolu 66 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-router għandu jiġi żviluppat u ġestit b'tali mod li jiġi żgurat aċċess rapidu, effiċjenti u kontrollat, disponibbiltà sħiħa u mingħajr interruzzjoni tar-router, u ħin ta' rispons f'konformità mal-ħtiġijiet operazzjonali tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u tal-Europol.	Ir-router għandu jiġi żviluppat u ġestit b'tali mod li jiġi żgurat aċċess rapidu, effiċjenti u kontrollat, disponibbiltà sħiħa u mingħajr interruzzjoni tar-router, u ħin ta' rispons f'konformità mal-ħtiġijiet operazzjonali tal-awtoritajiet kompetenti ***tal-infurzar tal-liġi*** tal-Istati Membri u tal-Europol.

Or. en

Emenda 200

Proposta għal regolament
Artikolu 68 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2018/1726
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt eea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) fl-Artikolu 19(1), il-punt (ea) li ġej qed jiżdied:
	(eea) jadotta r-rapporti dwar l-iżvilupp tar-router kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) ../.. tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill1a [2021/0410(COD)] skont l-Artikolu 79(2) ta' dak ir-Regolament;

Or. en

Emenda 201

Proposta għal regolament
Artikolu 68 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2018/1726
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punti ff u hh

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) fl-Artikolu 19(1), il-punti (ff) u (hh) jinbidlu b'dan li ġej:"
(ff) jadotta rapporti dwar il-funzjonament tekniku ta' dan li ġej:	*(ff)* jadotta rapporti dwar il-funzjonament tekniku ta' dan li ġej:
(i) SIS skont l-Artikolu ***60***(***7***) tar-Regolament (UE) ***2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (8) u l-Artikolu 74***(***8***) ***tar-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (9)***;	(i) SIS skont l-Artikolu ***50***(***4***) tar-Regolament (UE) ***Nru 1987/2006 ul-Artikolu 66***(***4***) ***tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI.***
(ii) VIS skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI;	(ii) VIS skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI;
(iii) EES skont l-Artikolu 72(4) tar-Regolament (UE) 2017/2226;	(iii) EES skont l-Artikolu 72(4) tar-Regolament (UE) 2017/2226;
(iv) ETIAS skont l-Artikolu 92(4) tar-Regolament (UE) 2018/1240;	(iv) ETIAS skont l-Artikolu 92(4) tar-Regolament (UE) 2018/1240;
(v) ECRIS-TCN u l-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS skont l-Artikolu 36(8) tar-Regolament (UE) 2019/816;	(v) ECRIS-TCN u l-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS skont l-Artikolu 36(8) tar-Regolament (UE) 2019/816;
(vi) il-komponenti tal-interoperabbiltà skont l-Artikolu 78(3) tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Artikolu 74(3) tar-Regolament (UE) 2019/818;	(vi) il-komponenti tal-interoperabbiltà skont l-Artikolu 78(3) tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Artikolu 74(3) tar-Regolament (UE) 2019/818;
(vii) is-sistema e-CODEX skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2022/850;	(vii) is-sistema e-CODEX skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2022/850;

	(viii) ir-router imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) .../... [2021/0410(COD)] skont l-Artikolu 79(5) ta' dak ir-Regolament (UE) ../...;
(hh) jadotta kummenti formali dwar ir-rapporti tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar l-awditi ***tiegħu*** skont ***l-Artikolu 56(2) tar-Regolament (UE) 2018/1861***, l-Artikolu 42(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008***,*** l-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013, Artikolu 56(2) tar-Regolament (UE) 2017/2226, l-Artikolu 67 tar-Regolament (UE) 2018/1240***, l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE) 2019/816 u l-Artikolu 52 tar-Regolamenti (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818*** u jiżgura segwitu xieraq ta' dawk l-awditi;	(hh) jadotta kummenti formali dwar ir-rapporti tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar l-awditi ***mwettqa*** skont ***l-Artikolu 45(2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006***, l-Artikolu 42(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, l-Artikolu 31(2) tar-Regolament Nru 603/2013, l-Artikolu 56(2) tar-Regolament (UE) 2017/2226, l-Artikolu 67 tar-Regolament (UE) 2018/1240 ***u* l-Artikolu *60(1) tar-Regolament* (UE) ../.. *[2021/0410 (COD)]*** u jiżgura segwitu xieraq ta' dawk l-awditi;***"***
	Or. en

Emenda 202

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 1 – punt 2
Ir-Regolament (UE) 2019/818
Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistika (CRRS) huwa stabbilit għall-finijiet ta' għoti ta' appoġġ għall-objettivi tas-SIS, tal-Eurodac, tal-ECRIS-TCN, f'konformità mal-istrumenti legali rispettivi li jirregolaw dawk is-sistemi, u sabiex tiġi pprovduta data statistika bejn is-sistemi u rappurtar analitiku għall-finijiet ta' politika, operazzjonali u ta' kwalità tad-data. Is-CRRS għandu jappoġġa wkoll l-objettivi ***ta' Prüm II***."	1. Repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistika (CRRS) huwa stabbilit għall-finijiet ta' għoti ta' appoġġ għall-objettivi tas-SIS, tal-Eurodac, tal-ECRIS-TCN, f'konformità mal-istrumenti legali rispettivi li jirregolaw dawk is-sistemi, u sabiex tiġi pprovduta data statistika bejn is-sistemi u rappurtar analitiku għall-finijiet ta' politika, operazzjonali u ta' kwalità tad-data. Is-CRRS għandu jappoġġa wkoll l-objettivi ***tar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [2021/0410(COD)]***."
	Or. en

Emenda 203

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 1 – punt 2
Ir-Regolament (UE) 2019/818
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"2 L-eu-LISA għandha tistabbilixxi, timplimenta u tospita fis-siti tekniċi tagħha lis-CRRS li fihom id-data u l-istatistika msemmija fl-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2018/1862 u l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/816 isseparati loġikament mis-sistema ta' informazzjoni tal-UE. L-eu-LISA għandha tiġbor ukoll id-data u l-istatistika mir-router imsemmija fl-Artikolu ***65(1)*** tar-Regolament (UE) …/… * [dan ir-Regolament]. L-aċċess għas-CRRS għandu jingħata permezz ta' aċċess sigur b'kontroll u profili ta' utenti speċifiċi, unikament għall-fini ta' rappurtar u statistika, lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2018/1862, l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/816 u l-Artikolu 65(1) tar-Regolament (UE) …/… * [dan ir-Regolament]."	"2 L-eu-LISA għandha tistabbilixxi, timplimenta u tospita fis-siti tekniċi tagħha lis-CRRS li fihom id-data u l-istatistika msemmija fl-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2018/1862 u l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/816 isseparati loġikament mis-sistema ta' informazzjoni tal-UE. L-eu-LISA għandha tiġbor ukoll id-data u l-istatistika mir-router imsemmija fl-Artikolu ***71(1)*** tar-Regolament (UE) …/… * [dan ir-Regolament]. L-aċċess għas-CRRS għandu jingħata permezz ta' aċċess sigur b'kontroll u profili ta' utenti speċifiċi, unikament għall-fini ta' rappurtar u statistika, lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2018/1862, l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/816 u l-Artikolu 65(1) tar-Regolament (UE) …/… * [dan ir-Regolament]."

Or. en

Emenda 204

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni, tal-Europol u tal-eu-LISA għandu jkollu aċċess ***sabiex jikkonsulta d-data*** li ġejja relatata mar-router, esklużivament għall-finijiet ta'	1. Il-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet kompetenti ***tal-infurzar tal-liġi*** tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni, tal-Europol u tal-eu-LISA għandu jkollu aċċess ***għad-data*** li ġejja relatata mar-router, ***skont il-każ,*** esklużivament għall-

rapportar u statistika:	finijiet ta' rapportar u statistika:

Or. en

Emenda 205

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) in-numru ta' tfittxijiet għal kull Stat Membru u mill-Europol;	(a) in-numru ta' tfittxijiet għal kull Stat Membru u mill-Europol ***għal kull kategorija ta' data***;

Or. en

Emenda 206

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-numru ta' tfittxijiet għal kull kategorija ta' data;	***imħassar***

Or. en

Emenda 207

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) in-numru ta' konkordanzi ikkonfermati fejn kien hemm skambji ta' data ewlenija; ***u***	(f) in-numru ta' konkordanzi ikkonfermati fejn kien hemm skambji ta' data ewlenija;

Or. en

Emenda 208

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) in-numru ta' konkordanzi ikkonfermati fejn kienx hemm skambji ta' data ewlenija; u

Or. en

Emenda 209

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ma għandux ikun possibbli li jiġu identifikati individwi mid-data.	***Id-data għandha tiġi aggregata.*** Ma għandux ikun possibbli li jiġu identifikati individwi mid-data.

Or. en

Emenda 210

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, tal-Europol u tal-Kummissjoni għandu jkollu aċċess sabiex jikkonsulta d-data li ġejja relatata mal-Eucaris, esklużivament għall-finijiet ta' rapportar u statistika:	2. Il-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet kompetenti ***tal-infurzar tal-liġi*** tal-Istati Membri, tal-Europol u tal-Kummissjoni għandu jkollu aċċess sabiex jikkonsulta d-data li ġejja relatata mal-Eucaris, esklużivament għall-finijiet ta' rapportar u statistika:

Or. en

Emenda 211

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ma għandux ikun possibbli li jiġu identifikati individwi mid-data.	***Id-data għandha tiġi aggregata.*** Ma għandux ikun possibbli li jiġu identifikati individwi mid-data.

Or. en

Emenda 212

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tal-Europol għandu jkollu aċċess sabiex jikkonsulta d-data li ġejja relatata mal-EPRIS, esklużivament għall-finijiet ta' rapportar u statistika:	3. Il-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet kompetenti ***tal-infurzar tal-liġi*** tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tal-Europol għandu jkollu aċċess sabiex jikkonsulta d-data li ġejja relatata mal-EPRIS, esklużivament għall-finijiet ta' rapportar u statistika:

Or. en

Emenda 213

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-eu-LISA għandha taħżen id-data msemmija ***f'dawk il-paragrafi***.	4. L-eu-LISA għandha taħżen id-data msemmija ***fil-paragrafu ta' dan l-Artikolu fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika stabbilit fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2019/818***.

Or. en

Emenda 214

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-data għandha tippermetti lill-awtoritajiet ***imsemmija fil-paragrafu 1*** jiksbu rapporti u statistika li jistgħu jiġu adattati sabiex itejbu l-effiċjenza tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi.	Id-data għandha tippermetti lill-awtoritajiet ***kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, il-Europol, l-eu-LISA u l-Kummissjoni*** jiksbu rapporti u statistika li jistgħu jiġu adattati sabiex itejbu l-effiċjenza tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi.

Or. en

Emenda 215

Proposta għal regolament
Artikolu 73 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-eu-LISA dwar l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 36, li jistgħu jużaw jew ikollhom aċċess għar-router.	1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-eu-LISA dwar l-awtoritajiet kompetenti ***tal-infurzar tal-liġi*** msemmija fl-Artikolu 36, li jistgħu jużaw jew ikollhom aċċess għar-router.

Or. en

Emenda 216

Proposta għal regolament
Artikolu 73 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra, lill-Kummissjoni, lill-eu-LISA u lill-Europol dwar il-kontenut tal-bażijiet ta' data nazzjonali tagħhom dwar id-DNA li

għalihom japplikaw l-Artikoli 5, 6 u 7.

Or. en

Emenda 217

Proposta għal regolament
Artikolu 73 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra, lill-Kummissjoni, lill-eu-LISA u lill-Europol dwar il-kontenut tal-bażijiet ta' data dattiloskopiċi nazzjonali tagħhom li għalihom japplikaw l-Artikoli 12 u 13.

Or. en

Emenda 218

Proposta għal regolament
Artikolu 73 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Istati Membri l-oħra, lill-Kummissjoni, lill-eu-LISA u lill-Europol dwar il-kontenut tal-bażijiet ta' data nazzjonali tagħhom dwar l-immaġini tal-wiċċ li għalihom japplikaw l-Artikoli 21 u 22.

Or. en

Emenda 219

Proposta għal regolament
Artikolu 73 – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2d. L-Istati Membri li jipparteċipaw fi skambji awtomatizzati ta' rekords tal-pulizija skont l-Artikoli 25 u 26 għandhom jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra, lill-Kummissjoni u lill-Europol dwar il-kontenut tal-indiċijiet tar-rekords tal-pulizija nazzjonali tagħhom, il-bażijiet ta' data nazzjonali użati għall-istabbiliment ta' dawk l-indiċijiet u l-kondizzjonijiet għat-tfittxijiet awtomatizzati.

Or. en

Emenda 220

Proposta għal regolament
Artikolu 73 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, lill-Europol u lill-eu-LISA dwar il-punti ta' kuntatt nazzjonali.	3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, lill-Europol u lill-eu-LISA dwar il-punti ta' kuntatt nazzjonali ***maħtura skont l-Artikolu 29. Il-Kummissjoni għandha tiġbor lista tal-punti ta' kuntatt nazzjonali li dwarhom tkun ġiet notifikata u tagħmilha disponibbli għall-Istati Membri kollha.***

Or. en

Emenda 221

Proposta għal regolament
Artikolu 74 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina d-data minn meta l-Istati Membri u ***l-aġenziji tal-Unjoni*** jistgħu	1. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina d-data minn meta l-Istati Membri u ***l-Europol*** jistgħu jibdew jużaw

jibdew jużaw ir-router permezz ta' att ta' implimentazzjoni ladarba jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	ir-router permezz ta' att ta' implimentazzjoni ladarba jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 222

Proposta għal regolament
Artikolu 74 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-eu-LISA tkun iddikjarat it-tlestija b'suċċess ta' test komprensiv tar-router, li hija tkun wettqet b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Europol.	(b) l-eu-LISA tkun iddikjarat it-tlestija b'suċċess ta' test komprensiv tar-router, li hija tkun wettqet b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet ***kompetenti tal-infurzar tal-liġi*** tal-Istati Membri u l-Europol.

Or. en

Emenda 223

Proposta għal regolament
Artikolu 74 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'dak l-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddetermina wkoll id-data minn meta l-Istati Membri u ***l-aġenziji tal-Unjoni jridu*** jibdew jużaw ir-router. Dik id-data għandha tkun sena wara d-data determinata f'konformità mal-ewwel subparagrafu.	F'dak l-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddetermina wkoll id-data minn meta l-Istati Membri u ***l-Europol għandhom*** jibdew jużaw ir-router. Dik id-data għandha tkun sena wara d-data determinata f'konformità mal-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 224

Proposta għal regolament
Artikolu 74 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tipposponi b'mhux aktar minn sena d-data li minnha l-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni ***jridu*** jibdew jużaw ir-router meta valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-router turi li tali posponiment huwa meħtieġ. ***Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).***	Il-Kummissjoni tista' tipposponi b'mhux aktar minn sena d-data li minnha l-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni ***għandhom*** jibdew jużaw ir-router meta valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-router turi li tali posponiment huwa meħtieġ.

Or. en

Emenda 225

Proposta għal regolament
Artikolu 74 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina d-data minn meta l-Istati Membri u ***l-aġenziji tal-Unjoni*** għandhom jibdew jużaw l-EPRIS permezz ta' att ta' implimentazzjoni ladarba jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	2. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina d-data minn meta l-Istati Membri u ***l-Europol*** għandhom jibdew jużaw l-EPRIS permezz ta' att ta' implimentazzjoni ladarba jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 226

Proposta għal regolament
Artikolu 74 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-Europol tkun iddikjarat it-tlestija b'suċċess ta' test komprensiv tal-EPRIS, li hija tkun wettqet b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri.	(b) il-Europol tkun iddikjarat it-tlestija b'suċċess ta' test komprensiv tal-EPRIS, li hija tkun wettqet b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet ***kompetenti tal-infurzar tal-liġi*** tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 227

Proposta għal regolament
Artikolu 74 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-Europol tkun iddikjarat it-tlestija b'suċċess ta' test komprensiv tal-konnessjoni, li hija tkun wettqet b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u mal-eu-LISA.	(b) il-Europol tkun iddikjarat it-tlestija b'suċċess ta' test komprensiv tal-konnessjoni, li hija tkun wettqet b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet ***kompetenti tal-infurzar tal-liġi*** tal-Istati Membri u mal-eu-LISA.

Or. en

Emenda 228

Proposta għal regolament
Artikolu 74 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-Europol tkun iddikjarat it-tlestija b'suċċess ta' test komprensiv tal-konnessjoni, li hija tkun wettqet b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u mal-eu-LISA.	(b) il-Europol tkun iddikjarat it-tlestija b'suċċess ta' test komprensiv tal-konnessjoni, li hija tkun wettqet b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet ***kompetenti tal-infurzar tal-liġi*** tal-Istati Membri u mal-eu-LISA.

Or. en

Emenda 229

Proposta għal regolament
Artikolu 74 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 76(2).

Or. en

Emenda 230

Proposta għal regolament
Artikolu 79 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-eu-LISA u l-Europol għandhom jiżguraw, rispettivament, li jkun hemm proċeduri fis-seħħ sabiex jiġi mmonitorjat l-iżvilupp tar-router u tal-EPRIS fid-dawl tal-objettivi relatati mal-ippjanar u mal-kostijiet u li jiġi mmonitorjat il-funzjonament ***tar-router u tal-EPRIS*** fid-dawl tal-objettivi relatati mar-rendiment tekniku, il-kosteffettività, is-sigurtà u l-kwalità tas-servizz.	1. L-eu-LISA u l-Europol għandhom jiżguraw, rispettivament, li jkun hemm proċeduri fis-seħħ sabiex jiġi mmonitorjat l-iżvilupp tar-router u tal-EPRIS fid-dawl tal-objettivi relatati mal-ippjanar u mal-kostijiet u li jiġi mmonitorjat il-funzjonament ***tagħhom*** fid-dawl tal-objettivi relatati mar-rendiment tekniku, il-kosteffettività, is-sigurtà u l-kwalità tas-servizz.

Or. en

Emenda 231

Proposta għal regolament
Artikolu 79 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sa [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sena wara dan matul il-fażi tal-iżvilupp tar-router, l-eu-LISA għandha tippreżenta ***rispettivament*** rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iżvilupp tar-router. Dan ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet imġarrba u informazzjoni dwar kwalunkwe riskju li jista' jkollu impatt fuq il-kostijiet ġenerali li se jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 72.	2. Sa [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sena wara dan matul il-fażi tal-iżvilupp tar-router, l-eu-LISA għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iżvilupp tar-router. Dan ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet imġarrba u informazzjoni dwar kwalunkwe riskju li jista' jkollu impatt fuq il-kostijiet ġenerali li se jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 72.

Or. en

Emenda 232

Proposta għal regolament
Artikolu 79 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sa [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sena wara dan matul il-fażi tal-iżvilupp tal-EPRIS, il-Europol għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni ***tat-tħejjija għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar is-sitwazzjoni*** attwali tal-iżvilupp tal-EPRIS inkluża informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet imġarrba u informazzjoni dwar kwalunkwe riskju li jista' jkollu impatt fuq il-kostijiet ġenerali li għandhom jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 72.	3. Sa [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sena wara dan matul il-fażi tal-iżvilupp tal-EPRIS, il-Europol għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iżvilupp tal-EPRIS inkluża informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet imġarrba u informazzjoni dwar kwalunkwe riskju li jista' jkollu impatt fuq il-kostijiet ġenerali li għandhom jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 72.

Or. en

Emenda 233

Proposta għal regolament
Artikolu 79 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. ***Tliet snin*** wara l-bidu tal-operazzjonijiet tar-router u tal-EPRIS kif imsemmi fl-Artikolu 74 u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tipproduċi evalwazzjoni ġenerali ta' Prüm II, inklużi:	7. ***Sentejn*** wara l-bidu tal-operazzjonijiet tar-router u tal-EPRIS kif imsemmi fl-Artikolu 74 u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tipproduċi evalwazzjoni ġenerali ta' Prüm II, inklużi:

Or. en

Emenda 234

Proposta għal regolament
Artikolu 79 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Istati Membri u l-Europol għandhom jipprovdu lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni neċessarja biex jabbozzaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafi 2 u 5. Din l-informazzjoni ma għandhiex tippreġudika l-metodi ta' ħidma u lanqas tinkludi informazzjoni li tiżvela s-sorsi, il-membri tal-persunal jew investigazzjonijiet tal-awtoritajiet ***maħtura***.	8. L-Istati Membri u l-Europol għandhom jipprovdu lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni neċessarja biex jabbozzaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafi 2 u 5. Din l-informazzjoni ma għandhiex tippreġudika l-metodi ta' ħidma u lanqas tinkludi informazzjoni li tiżvela s-sorsi, il-membri tal-persunal jew investigazzjonijiet tal-awtoritajiet ***kompetenti tal-infurzar tal-liġi***.

Or. en

Emenda 235

Proposta għal regolament
Artikolu 79 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Europol u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa sabiex jitħejjew r-rapporti msemmija fil-paragrafi 3 u 6. Din l-informazzjoni ma għandhiex tippreġudika l-metodi ta' ħidma u lanqas tinkludi informazzjoni li tiżvela s-sorsi, il-membri tal-persunal jew investigazzjonijiet tal-awtoritajiet ***maħtura***.	9. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Europol u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa sabiex jitħejjew r-rapporti msemmija fil-paragrafi 3 u 6. Din l-informazzjoni ma għandhiex tippreġudika l-metodi ta' ħidma u lanqas tinkludi informazzjoni li tiżvela s-sorsi, il-membri tal-persunal jew investigazzjonijiet tal-awtoritajiet ***kompetenti tal-infurzar tal-liġi***.

Or. en

Emenda 236

Proposta għal regolament
Artikolu 79 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. ***L-Istati*** Membri, l-eu-LISA u l-Europol għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa sabiex tipproduċi l-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 7. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll lill-Kummissjoni bin-numru ta' konkordanzi konfermati meta mqabbla kontra l-bażi ta' data ta' kull Stat Membru għal kull kategorija ta' data.	10. ***Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u l-protezzjoni tal-investigazzjonijiet li għaddejjin bħalissa, l-Istati*** Membri, l-eu-LISA u l-Europol għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa sabiex tipproduċi l-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 7. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll lill-Kummissjoni bin-numru ta' konkordanzi konfermati meta mqabbla kontra l-bażi ta' data ta' kull Stat Membru għal kull kategorija ta' data.

Or. en